Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2025/0335(COD)

8.4.2026

EMENDI
2106 - 2485

Abbozz ta' opinjoni
Elena Donazzan
(PE784.432v01-00)

Is-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet fl-ispazju fl-Unjoni

Proposta għal regolament
(COM(2025)0335 – 2025/0335(COD))

AM_Com_LegOpinion

Emenda 2106
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) tikkontribwixxi għall-istabbiliment u ż-żamma tal-Qafas tat-Tikketta Spazjali tal-Unjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI, il-Kapitolu II;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2107
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) tikkontribwixxi għall-istabbiliment u ż-żamma ***tal-Qafas tat-Tikketta*** Spazjali tal-Unjoni, f'konformità ***mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI, il-Kapitolu II;***	(j) tikkontribwixxi għall-istabbiliment u ż-żamma ***tal-Iskemi tat-Tikkettar*** Spazjali tal-Unjoni, f'konformità ***mal-Artikolu 111.***

Or. en

Emenda 2108
Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) tikkontribwixxi għall-istabbiliment u ż-żamma ***tal-Qafas tat-Tikketta*** Spazjali tal-Unjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ***tat-Titolu VI, il-Kapitolu***	(j) tikkontribwixxi għall-istabbiliment u ż-żamma ***tal-Iskemi tat-Tikkettar*** Spazjali tal-Unjoni, f'konformità mad-dispożizzjonijiet ***tal-Artikolu 111***;

II;

Or. en

Emenda 2109
Andi Cristea

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt j

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(j) tikkontribwixxi għall-istabbiliment u ż-żamma ***tal-Qafas tat-Tikketta*** Spazjali tal-Unjoni, f'konformità ***mad-dispożizzjonijiet tat-Titolu VI, il-Kapitolu II***;	(j) tikkontribwixxi għall-istabbiliment u ż-żamma ***tal-Iskemi tat-Tikkettar*** Spazjali tal-Unjoni, f'konformità ***mal-Artikolu 111***;

Or. en

Emenda 2110
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt k
Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) iżżomm sit web li jipprovdi, u jippubbliċizza informazzjoni aġġornata dwar l-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni u t-Tikketti Spazjali tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 111(5);	***imħassar***

Or. en

Emenda 2111
Sarah Knafo

Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) iżżomm sit web li jipprovdi, u jippubbliċizza informazzjoni aġġornata dwar l-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni u t-Tikketti Spazjali tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 111(5);	***imħassar***

Or. en

Emenda 2112
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) iżżomm sit web li jipprovdi, u jippubbliċizza informazzjoni aġġornata dwar l-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni u t-Tikketti Spazjali tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 111(5);	***imħassar***

Or. en

Emenda 2113
Andi Cristea

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) ***iżżomm sit web li jipprovdi, u jippubbliċizza informazzjoni aġġornata*** dwar ***l-Iskemi*** tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni ***u t-Tikketti Spazjali tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 111(5)***;	(k) dwar ***l-Iskema*** tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 2114
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) iżżomm sit web li jipprovdi, u jippubblikizza informazzjoni aġġornata dwar l-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni u t-Tikketti Spazjali tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 111(5);	(k) iżżomm sit web***, li jkun aċċessibbli lill-partijiet ikkonċernati kollha u fil-lingwi uffiċjali tal-UE kollha,*** li jipprovdi, u jippubblikizza informazzjoni aġġornata dwar l-Iskemi tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni u t-Tikketti Spazjali tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 111(5);

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Meta jitqiesu t-termini tekniċi speċifiċi użati, kull min huwa involut f'attivitajiet relatati mal-ispazju għandu jkun jista' jaċċessa din l-informazzjoni fi kwalunkwe lingwa li jagħżel.

Emenda 2115
Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) ***iżżomm sit web li jipprovdi, u jippubblikizza informazzjoni aġġornata dwar l-Iskemi*** tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni ***u t-Tikketti Spazjali tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 111(5)***;	(k) ***tikkomunika dwar l-Iskema*** tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 2116
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(k) ***iżżomm sit web li jipprovdi, u jippubblikizza informazzjoni aġġornata dwar l-Iskemi*** tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni ***u t-Tikketti Spazjali tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 111(5)***;	(k) ***tikkomunika dwar l-Iskema*** tat-Tikkettar Spazjali tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 2117
Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) ***tassisti*** lill-Kummissjoni ***fit-tħejjija ta'*** atti delegati u ta' implimentazzjoni bbażati fuq dan ir-Regolament***, u fit-tħejjija tal-proposti għal emendi għal dan ir-Regolament, billi toħroġ opinjonijiet tekniċi formali indirizzati lill-Kummissjoni***;	(l) ***tipprovdi opinjonijiet tekniċi formali*** lill-Kummissjoni ***dwar*** atti delegati u ta' implimentazzjoni bbażati fuq dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 2118
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) tassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni bbażati fuq dan ir-Regolament, u fit-tħejjija tal-proposti għal emendi għal dan ir-Regolament, billi toħroġ opinjonijiet tekniċi formali indirizzati lill-Kummissjoni;	(l) tassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni bbażati fuq dan ir-Regolament, u fit-tħejjija tal-proposti għal emendi ***u aġġornamenti*** għal dan ir-Regolament***, biex jiġu riflessi l-iżviluppi f'dan il-qasam***, billi toħroġ opinjonijiet tekniċi formali indirizzati lill-Kummissjoni;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-informazzjoni li tinsab fid-dokumenti meħtieġa għall-attivitajiet spazjali trid tiġi aġġornata kull tant żmien, sabiex jinżamm il-pass mal-iżviluppi f'dan il-qasam.

Emenda 2119
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) ***tassisti*** lill-Kummissjoni ***fit-tħejjija ta'*** atti delegati u ta' implimentazzjoni bbażati fuq dan ir-Regolament***, u fit-tħejjija tal-proposti għal emendi għal dan ir-Regolament, billi toħroġ opinjonijiet tekniċi formali indirizzati lill-Kummissjoni***;	(l) ***tipprovdi opinjonijiet tekniċi formali*** lill-Kummissjoni ***dwar*** atti delegati u ta' implimentazzjoni bbażati fuq dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 2120
Andi Cristea

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) ***tassisti*** lill-Kummissjoni ***fit-tħejjija ta'*** atti delegati u ta' implimentazzjoni bbażati fuq dan ir-Regolament***, u fit-tħejjija tal-proposti għal emendi għal dan ir-Regolament, billi toħroġ opinjonijiet tekniċi formali indirizzati lill-Kummissjoni***;	(l) ***tipprovdi opinjonijiet tekniċi formali*** lill-Kummissjoni ***dwar*** atti delegati u ta' implimentazzjoni bbażati fuq dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 2121

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt l

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(l) tassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija ta' atti delegati u ta' implimentazzjoni bbażati fuq dan ir-Regolament, u fit-tħejjija tal-proposti għal emendi għal dan ir-Regolament, billi toħroġ opinjonijiet tekniċi formali indirizzati lill-Kummissjoni;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 2122
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, u toħroġ rakkomandazzjonijiet lil awtorità kompetenti waħda jew aktar, biex tippromwovi prattiki superviżorji konsistenti madwar l-Unjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni;	(m) ***tikkoordina, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, il-valutazzjonijiet tekniċi mwettqa skont dan ir-Regolament biex jittaffew id-diverġenzi fost l-Istati Membri u jiġu żgurati l-konsistenza u l-istandardizzazzjoni tal-prattiki superviżorji. F'dan il-kuntest tista'*** toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, u toħroġ rakkomandazzjonijiet lil awtorità kompetenti waħda jew aktar, biex tippromwovi prattiki superviżorji konsistenti madwar l-Unjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 2123
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, u toħroġ rakkomandazzjonijiet lil awtorità kompetenti waħda jew aktar, biex tippromwovi prattiki superviżorji konsistenti madwar l-Unjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni;	(m) toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, u toħroġ rakkomandazzjonijiet lil awtorità kompetenti waħda jew aktar, biex tippromwovi prattiki superviżorji konsistenti madwar l-Unjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni; ***tiffaċilita wkoll l-iskambju rapidu u effiċjenti ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-atturi rilevanti;***

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Skambju ta' informazzjoni rapidu u effiċjenti bejn l-Istati Membri u l-atturi rilevanti se jkun ta' benefiċċju għall-ħidma li ssir f'dan il-qasam billi ssir aktar effettiva.

Emenda 2124
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt m
Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, u toħroġ rakkomandazzjonijiet lil awtorità kompetenti waħda jew aktar***, biex tippromwovi prattiki superviżorji konsistenti madwar l-Unjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni***;	(m) toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, u toħroġ rakkomandazzjonijiet lil awtorità kompetenti waħda jew aktar;

Or. en

Emenda 2125
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt m

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(m) toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, u toħroġ rakkomandazzjonijiet lil awtorità kompetenti waħda jew aktar, biex tippromwovi prattiki superviżorji konsistenti madwar l-Unjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni;	(m) toħroġ linji gwida indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti u lill-operaturi spazjali tal-Unjoni, u toħroġ rakkomandazzjonijiet lil awtorità kompetenti waħda jew aktar, biex tippromwovi prattiki superviżorji konsistenti madwar l-Unjoni u l-applikazzjoni uniformi tal-liġi tal-Unjoni;

Or. en

Emenda 2126
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt ma (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ma) tistabbilixxi u timmaniġġja l-Helpdesk ta' Appoġġ għall-Kompetittività tas-Settur Spazjali;

Or. en

Emenda 2127
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) meta tintalab mill-Kummissjoni, tikkontribwixxi, għal materji koperti minn dan ir-Regolament, għall-istabbiliment, il-kejl, ir-rapportar u l-analiżi tal-indikaturi tal-prestazzjoni, b'mod partikolari fil-każ ta' inċidenti sinifikanti u fil-każ ta' kolliżjonijiet;	(n) meta tintalab mill-Kummissjoni, tikkontribwixxi, għal materji koperti minn dan ir-Regolament, għall-istabbiliment, il-kejl, ir-rapportar***, il-monitoraġġ*** u l-analiżi tal-indikaturi tal-prestazzjoni, b'mod partikolari fil-każ ta' inċidenti sinifikanti u fil-każ ta' kolliżjonijiet;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Il-monitoraġġ u l-analiżi tal-indikaturi tal-prestazzjoni huma essenzjali għall-valutazzjoni ta' inċidenti u kolliżjonijiet potenzjali ġewwa l-ispazju.

Emenda 2128
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(n) meta tintalab mill-Kummissjoni, tikkontribwixxi, għal materji koperti minn dan ir-Regolament, għall-istabbiliment, il-kejl, ir-rapportar u l-analiżi tal-indikaturi tal-prestazzjoni, b'mod partikolari fil-każ ta' inċidenti sinifikanti u fil-każ ta' kolliżjonijiet;	(n) meta tintalab mill-Kummissjoni, tikkontribwixxi, għal materji koperti minn dan ir-Regolament, għall-istabbiliment, il-kejl, ir-rapportar u l-analiżi tal-indikaturi tal-prestazzjoni, b'mod partikolari fil-każ ta' inċidenti sinifikanti u fil-każ ta' kolliżjonijiet;

Or. en

Emenda 2129
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt o
Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) tipprovdi l-pariri u l-appoġġ tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi kollha meħtieġa lill-Kummissjoni ***biex din tal-aħħar tkun tista' twettaq il-kompiti superviżorji tagħha skont dan ir-Regolament***;	(o) tipprovdi l-pariri u l-appoġġ tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi kollha meħtieġa lill-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 2130
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt o

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(o) tipprovdi l-pariri u l-appoġġ tekniċi, xjentifiċi u amministrattivi kollha meħtieġa lill-Kummissjoni biex din tal-aħħar tkun tista' twettaq il-kompiti superviżorji tagħha skont dan ir-Regolament;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 2131
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt oa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(oa) tipparteċipa fl-organizzazzjoni f'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Spazjali Ewropea u mal-awtoritajiet kompetenti fil-ġestjoni tad-data pubblika miġbura għall-fini li jittejbu l-kriterji tas-sostenibbiltà ambjentali kif deskritti fil-Kapitolu III;

Or. fr

Emenda 2132
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt ob (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ob) Tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri assistenza teknika u xjentifika sabiex tippromwovi l-attivitajiet ta' riċerka fis-settur spazjali.

Or. fr

Emenda 2133
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) tistabbilixxi kooperazzjoni mal-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiżi terzi, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali jew mal-korpi tagħhom, u tippromwovi u tiffaċilita l-għarfien fil-livell internazzjonali fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 2134
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament

Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(p) ***tistabbilixxi kooperazzjoni*** mal-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiżi terzi, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali ***jew mal-korpi tagħhom***, u tippromwovi u tiffaċilita l-għarfien fil-livell internazzjonali fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;	(p) ***tikkoopera*** mal-awtoritajiet superviżorji tal-pajjiżi terzi, mal-organizzazzjonijiet internazzjonali, u tippromwovi u tiffaċilita l-għarfien fil-livell internazzjonali fir-rigward tar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament;

Or. en

Emenda 2135
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) tikkoopera, kif xieraq, ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, meta l-attivitajiet ta' dawk l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji, u l-aġenziji tal-Unjoni jkunu jkopru aspetti tekniċi relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jew materji rilevanti oħra, bħall-użu tal-intelliġenza artifiċjali fit-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 2136
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt q
Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) tikkoopera, kif xieraq, ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, meta l-attivitajiet ta' dawk l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji, u l-aġenziji tal-Unjoni jkunu jkopru aspetti tekniċi relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jew materji rilevanti oħra, bħall-użu tal-intelliġenza artifiċjali fit-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2137
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(q) tikkoopera, kif xieraq, ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, meta l-attivitajiet ta' dawk l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji, u l-aġenziji tal-Unjoni jkunu jkopru aspetti tekniċi relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jew materji rilevanti oħra, bħall-użu tal-intelliġenza artifiċjali fit-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju.	(q) tikkoopera, kif xieraq, ma' istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji oħra tal-Unjoni, meta l-attivitajiet ta' dawk l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-uffiċċji, u l-aġenziji tal-Unjoni jkunu jkopru aspetti tekniċi relatati mas-sikurezza, ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jew materji rilevanti oħra, bħall-użu tal-intelliġenza artifiċjali fit-twettiq tal-attivitajiet fl-ispazju. ***L-Aġenzija għandha tirrapporta l-attivitajiet tagħha li jinvolvu l-kooperazzjoni ma' kwalunkwe pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali lill-Bord tal-Konformità fuq bażi ta' nofs sena;***

Or. en

Emenda 2138

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 1 – punt qa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(qa) tistabbilixxi protokolli għall-integrazzjoni tad-data tal-SSA minn fornituri privati ċċertifikati fis-sistemi tagħha u mekkaniżmi ta' twissija ta' avvenimenti ta' interess għoli.

Or. en

Emenda 2139
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Qabel ma tissottometti l-opinjonijiet tekniċi msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (l), kif ukoll qabel ma toħroġ il-linji gwida msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (m), l-Aġenzija għandha twettaq konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2140
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sal-1 ta' Awwissu 2028, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjonijiet tekniċi lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 113 u tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 59(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 61(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 63(2), fl-Artikolu 68(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 69(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 70(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 73(4), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 93(8), fl-Artikolu 96(7), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 97(4), fl-Artikolu 101(5), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 104(2), u fl-Artikolu 111(4), l-ewwel subparagrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2141
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – subparagrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sal-1 ta' Awwissu 2028, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjonijiet tekniċi lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 113 u tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 59(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 61(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 63(2), fl-Artikolu 68(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 69(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 70(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 73(4), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 93(8), fl-Artikolu 96(7), it-tieni subparagrafu, fl-	***imħassar***

Artikolu 97(4), fl-Artikolu 101(5), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 104(2), u fl-Artikolu 111(4), l-ewwel subparagrafu.

Or. en

Emenda 2142
Giorgio Gori, Jens Geier, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sal-1 ta' Awwissu 2028, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjonijiet tekniċi lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 113 u tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija ***fl-Artikolu 59(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 61(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 63(2), fl-Artikolu 68(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 69(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 70(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 73(4), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 93(8), fl-Artikolu 96(7), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 97(4), fl-Artikolu 101(5), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 104(2), u fl-Artikolu 111(4), l-ewwel subparagrafu***.	***L-Aġenzija għandha tistabbilixxi Bord tal-Industrija bħala korp permanenti għall-osservazzjoni u l-monitoraġġ industrijali. Il-Bord għandu jkun magħmul minn rappreżentanti tal-industrija spazjali tal-Unjoni, inklużi negozji ġodda, SMEs, intraprizi kbar, ċentri tar-riċerka u akkademiċi, filwaqt li jiżgura rappreżentanza ġeografika bbilanċjata u diversità tal-operaturi, u b'hekk jiggarantixxi djalogu strutturat bejn l-istituzzjonijiet u l-partijiet ikkonċernati fis-settur. Dan il-Bord għandu jiltaqa' regolarment biex jimmonitorja l-introduzzjoni tar-Regolament u jagħti pariri dwar kwalunkwe aġġornament jew aġġustament tekniku meħtieġ biex jirrifletti t-teknoloġiji u l-kundizzjonijiet tas-suq li qed jevolvu.*** ***Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2028***, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjonijiet tekniċi lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 113 u tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija ***f'dan ir-Regolament fi żmien xieraq biex il-forniturі ta' servizzi spazjali jkunu jistgħu jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti f'tali atti delegati u ta' implimentazzjoni.*** ***Fit-tħejjija ta' kull opinjoni teknika, l-Aġenzija għandha tikkonsulta lill-Bord***

tal-Industrija.

Or. en

Emenda 2143
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sal-1 ta' Awwissu 2028, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjonijiet tekniċi lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-atti delegati ***msemmija fl-Artikolu 113 u*** tal-atti ta' implimentazzjoni msemmija ***fl-Artikolu 59(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 61(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 63(2), fl-Artikolu 68(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 69(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 70(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 73(4), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 93(8), fl-Artikolu 96(7), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 97(4), fl-Artikolu 101(5), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 104(2), u fl-Artikolu 111(4), l-ewwel subparagrafu***.	L-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjonijiet tekniċi lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-atti delegati ***u*** tal-Atti ta' implimentazzjoni msemmija ***f'dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 2144
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sal-1 ta' Awwissu 2028, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjonijiet tekniċi lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 113 u tal-atti ta'	Sal-1 ta' Awwissu 2028, l-Aġenzija għandha tissottometti l-opinjonijiet tekniċi lill-Kummissjoni biex tassisti lill-Kummissjoni fit-tħejjija tal-atti delegati msemmija fl-Artikolu 113 u tal-atti ta'

implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 59(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 61(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 63(2), fl-Artikolu 68(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 69(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 70(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 73(4), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu ***93(8), fl-Artikolu*** 96(7), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 97(4), fl-Artikolu 101(5), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 104(2), u fl-Artikolu 111(4), l-ewwel subparagrafu.	implimentazzjoni msemmija fl-Artikolu 59(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 61(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 63(2), fl-Artikolu 68(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 69(2), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 70(3), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 73(4), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 96(7), it-tieni subparagrafu, fl-Artikolu 97(4), fl-Artikolu 101(5), l-ewwel subparagrafu, fl-Artikolu 104(2), u fl-Artikolu 111(4), l-ewwel subparagrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Imħassar peress li l-lex specialis kollha dwar ir-reżiljenza ċibernetika huwa mħassar.

Emenda 2145
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 3
Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma toħroġ linja gwida jew rakkomandazzjonijiet ġodda, l-Aġenzija għandha twettaq rieżami tal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet eżistenti biex tevita d-duplikazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2146
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 40 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Qabel ma toħroġ linja gwida jew rakkomandazzjonijiet ġodda, l-Aġenzija għandha twettaq rieżami tal-linji gwida ***u r-rakkomandazzjonijiet*** eżistenti biex tevita d-duplikazzjoni.	3. Qabel ma toħroġ linja gwida jew rakkomandazzjonijiet ġodda, l-Aġenzija għandha twettaq rieżami tal-linji gwida ***nazzjonali u internazzjonali*** eżistenti biex tevita d-duplikazzjoni***, u tibbażahom fuq l-aħjar prattiki disponibbli***.

Or. en

Emenda 2147
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 40a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 40a
	Helpdesk ta' Appoġġ għall-Kompetittività tas-Settur Spazjali
	1. L-Aġenzija għandha tistabbilixxi struttura interna permanenti magħrufa bħala l-"Helpdesk ta' Appoġġ għall-Kompetittività tas-Settur Spazjali" (minn hawn 'il quddiem "il-Helpdesk ta' Appoġġ"). Il-Helpdesk ta' Appoġġ għandu jkun distint b'mod operazzjonali mill-funzjonijiet superviżorji tal-Aġenzija biex tiġi żgurata l-indipendenza tal-kompiti superviżorji tagħha.
	2. Il-Helpdesk ta' Appoġġ għandu jkun punt ta' aċċess uniku għall-appoġġ kollu rilevanti u għandu jiġi integrat mal-Punt ta' informazzjoni msemmi fl-Artikolu 110 ta' dan ir-Regolament. Il-kompitu primarju tal-Helpdesk ta' Appoġġ għandu jkun li jipprovdi assistenza amministrattiva u proċedurali lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) skont it-tifsira tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE, u lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tar-riċerka stabbiliti fl-Unjoni.

3. Il-Helpdesk ta' Appoġġ għandu jkun responsabbli għall-kompiti li ġejjin:

(a) li jagħti parir lill-applikanti dwar il-konformità mar-rekwiżiti amministrattivi u tekniċi ta' dan ir-Regolament;

(b) li jgħin fl-abbozzar u l-verifika tad-dokumentazzjoni teknika, inkluż billi jipprovdi l-pjattaforma online data standardizzata u gwida pass pass dwar it-tlestija tal-pjanijiet u dokumenti oħra meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan ir-regolament;

(c) jorganizza sessjonijiet ta' ħidma speċifiċi għat-taħriġ u jippubblika gwidi tal-utent dettaljati dwar il-konformità regolatorja, imfassla apposta b'mod speċifiku għall-ħtiġijiet tal-SMEs u tal-partijiet ikkonċernati tal-edukazzjoni u tar-riċerka; kif ukoll

(d) jimmaniġġja forom oħra ta' appoġġ, inkluż appoġġ finanzjarju għall-iżvilupp tal-attivitajiet upstream u downstream tal-entitajiet kwalifikati fis-settur spazjali.

4. L-assistenza pprovduta mill-Helpdesk ta' Appoġġ għandha tkun ta' natura konsultattiva mhux vinkolanti u ma għandha tippreġudika l-ebda valutazzjoni jew deċiżjoni sussegwenti mill-Aġenzija jew mill-Awtorità Nazzjonali Kompetenti rilevanti. L-applikant għandu jibqa' unikament responsabbli għall-eżattezza, il-kompletezza, u l-konformità tad-dokumentazzjoni sottomessa, u l-Aġenzija ma għandhiex tinżamm responsabbli għall-eżitu tal-awtorizzazzjoni, iċ-ċertifikazzjoni, jew proċeduri oħra rilevanti.

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw punt ta' kuntatt nazzjonali wieħed biex jikkoopera mal-Helpdesk ta' Appoġġ. Il-punti ta' kuntatt nazzjonali għandhom joffru informazzjoni u gwida b'lingwi nazzjonali xierqa dwar il-konformità mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament, jiffaċilitaw aċċess għall-Helpdesk ta' Appoġġ, u jibnu fuq il-miżuri ta'

implimentazzjoni nazzjonali meta rilevanti.

6. L-assistenza pprovduta mill-Helpdesk ta' Appoġġ skont il-paragrafu 3 għandha tkun mingħajr ħlas. Il-kostijiet tat-tħaddim tal-Helpdesk ta' Appoġġ u l-attivitajiet relatati għandhom ikunu koperti mill-Aġenzija mit-tariffi previsti fl-Artikolu 41 ta' dan ir-regolament u jistgħu jiġu ssupplimentati minn sorsi oħrajn xierqa.

7. L-Aġenzija għandha tirrapporta kull sena lill-Kummissjoni dwar l-attivitajiet tal-Helpdesk ta' Appoġġ, abbażi ta' indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni stabbiliti mill-bord tal-Aġenzija, inkluża data dwar l-għadd ta' entitajiet assistiti u l-impatt fuq ir-rati ta' konformità regolatorja.

Or. en

Emenda 2148
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 41	***imħassar***
Tariffi tal-Aġenzija	
1. L-Aġenzija għandha, f'konformità mal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 3, titlob tariffi mingħand l-operaturi spazjali tal-Unjoni, l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex ikopru n-nefqa kollha meħtieġa li ġġarrab l-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament, inkluż ir-rimborż tal-kostijiet imġarrba minħabba ħidmet l-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(2), l-ewwel subparagrafu, jew il-kostijiet għall-pariri pprovduti mill-esperti indipendenti.	

2. It-tariffa imposta fuq fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fil-paragrafu 1 għandha tkopri l-kostijiet kollha mġarrba bl-eżekuzzjoni tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ammont tat-tariffa għandu jkun proporzjonat għall-fatturat tal-fornitur rispettiv tas-servizzi spazjali.

3. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 113 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-mekkaniżmu tat-tariffi tal-Aġenzija jitħassar mill-Artikolu 41. Il-baġit għall-awtorizzazzjonijiet tal-EUSA u r-reġistrazzjonijiet tal-URSA huwa indirizzat permezz tal-baġit ġenerali tal-Aġenzija.

Emenda 2149
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 41	***imħassar***
Tariffi tal-Aġenzija	
1. L-Aġenzija għandha, f'konformità mal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 3, titlob tariffi mingħand l-operaturi spazjali tal-Unjoni, l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex ikopru n-nefqa kollha meħtieġa li ġġarrab l-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament, inkluż ir-rimborż tal-kostijiet imġarrba minħabba ħidmet l-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(2), l-ewwel subparagrafu, jew il-kostijiet għall-pariri pprovduti mill-esperti indipendenti.	
2. It-tariffa imposta fuq fornitur tas-	

servizzi spazjali msemmi fil-paragrafu 1 għandha tkopri l-kostijiet kollha mġarrba bl-eżekuzzjoni tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ammont tat-tariffa għandu jkun proporzjonat għall-fatturat tal-fornitur rispettiv tas-servizzi spazjali.

3. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 113 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu.

Or. en

Emenda 2150
Virgil-Daniel Popescu

Proposta għal regolament
Artikolu 41

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 41	***imħassar***
Tariffi tal-Aġenzija	
1. L-Aġenzija għandha, f'konformità mal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 3, titlob tariffi mingħand l-operaturi spazjali tal-Unjoni, l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex ikopru n-nefqa kollha meħtieġa li ġġarrab l-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament, inkluż ir-rimborż tal-kostijiet imġarrba minħabba ħidmet l-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(2), l-ewwel subparagrafu, jew il-kostijiet għall-pariri pprovduti mill-esperti indipendenti.	
2. It-tariffa imposta fuq fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fil-paragrafu 1 għandha tkopri l-kostijiet kollha mġarrba bl-eżekuzzjoni tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ammont tat-tariffa għandu jkun proporzjonat għall-fatturat tal-fornitur rispettiv tas-servizzi spazjali.	

3. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 113 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu.

Or. en

Emenda 2151
Andi Cristea

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Aġenzija għandha, f'konformità mal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 3, titlob tariffi mingħand l-operaturi spazjali tal-Unjoni, l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex ikopru n-nefqa kollha meħtieġa li ġġarrab l-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament, inkluż ir-rimborż tal-kostijiet imġarrba minħabba ħidmet l-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(2), l-ewwel subparagrafu, jew il-kostijiet għall-pariri pprovduti mill-esperti indipendenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2152
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Aġenzija għandha***, f'konformità mal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 3,***	1. L-Aġenzija għandha ***tkopri l-kostijiet ikkawżati*** fit-twettiq tal-kompiti

titlob tariffi mingħand l-operaturi spazjali tal-Unjoni, l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex ikopru n-nefqa kollha meħtieġa li ġġarrab l-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament***, inkluż ir-rimborż tal-kostijiet imġarrba minħabba ħidmet l-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(2), l-ewwel subparagrafu, jew il-kostijiet għall-pariri pprovduti mill-esperti indipendenti***.

skont dan ir-Regolament ***u fil-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet bl-użu tas-sorsi proprji***. ***Għal servizzi addizzjonali, it-tariffi jistgħu jintalbu biss fuq bażi volontarja.***

Or. en

Emenda 2153
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Aġenzija għandha, f'konformità mal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 3, titlob tariffi mingħand l-operaturi spazjali tal-Unjoni, l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali biex ikopru n-nefqa kollha meħtieġa li ġġarrab l-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament, inkluż ir-rimborż tal-kostijiet imġarrba minħabba ħidmet ***l-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(2), l-ewwel subparagrafu, jew il-kostijiet għall-pariri pprovduti mill-esperti indipendenti***.	1. L-Aġenzija għandha, f'konformità mal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 3, titlob tariffi mingħand l-operaturi spazjali tal-Unjoni, l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali***, li magħhom ikun fis-seħħ ftehim,*** biex ikopru n-nefqa kollha meħtieġa li ġġarrab l-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament, inkluż ir-rimborż tal-kostijiet imġarrba minħabba ħidmet ***il-Bord tal-Konformità***.

Or. en

Emenda 2154
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Aġenzija għandha, f'konformità mal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 3, titlob tariffi mingħand l-operaturi spazjali tal-Unjoni, l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali ***biex*** ikopru n-nefqa ***kollha*** meħtieġa li ġġarrab l-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti skont dan ir-Regolament***, inkluż ir-rimborż tal-kostijiet imġarrba minħabba ħidmet l-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(2), l-ewwel subparagrafu, jew il-kostijiet għall-pariri pprovduti mill-esperti indipendenti***.	1. L-Aġenzija għandha, f'konformità mal-att delegat imsemmi fil-paragrafu 3, titlob tariffi mingħand l-operaturi spazjali tal-Unjoni, l-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali***, soġġett għal ftehim internazzjonali konkluż skont l-Artikolu 107(3) jew l-Artikolu 108, u f'konformità miegħu. Dawk it-tariffi għandhom*** ikopru n-nefqa meħtieġa li ġġarrab l-Aġenzija fit-twettiq tal-kompiti ***relatati mal-awtorizzazzjoni u r-reġistrazzjoni*** skont dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 2155
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1a (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Dawk it-tariffi għandhom iqisu l-livell ta' kumplessità u riskju tal-missjoni, u għandhom jipprevedu skontijiet jew eżenzjonijiet għal SMEs, negozji ġodda, kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja, missjonijiet ta' riċerka jew edukazzjoni.

Or. en

Emenda 2156

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tariffa imposta fuq fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fil-paragrafu 1 għandha tkopri l-kostijiet kollha mġarrba bl-eżekuzzjoni tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ammont tat-tariffa għandu jkun proporzjonat għall-fatturat tal-fornitur rispettiv tas-servizzi spazjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2157
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tariffa imposta fuq fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fil-paragrafu 1 għandha tkopri l-kostijiet kollha mġarrba bl-eżekuzzjoni tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ammont tat-tariffa għandu jkun proporzjonat għall-fatturat tal-fornitur rispettiv tas-servizzi spazjali.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2158
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tariffa imposta fuq fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fil-paragrafu 1 għandha tkopri l-kostijiet kollha mġarrba bl-eżekuzzjoni tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ammont tat-tariffa għandu jkun proporzjonat għall-fatturat tal-fornitur rispettiv tas-servizzi spazjali.	2. It-tariffa imposta fuq fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fil-paragrafu 1 għandha tkopri l-kostijiet kollha mġarrba bl-eżekuzzjoni tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ammont tat-tariffa għandu jkun proporzjonat għall-fatturat tal-fornitur rispettiv tas-servizzi spazjali ***u jista' jiġi rivedut fid-dawl tal-evoluzzjoni u d-durata tas-servizzi pprovduti***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

It-tariffi fil-qasam tal-attivitajiet spazjali jistgħu jiġu aġġornati bl-istess mod kif jiġu aġġornati f'oqsma ta' attività oħra.

Emenda 2159
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. It-tariffa imposta fuq fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fil-paragrafu 1 għandha tkopri l-kostijiet kollha mġarrba bl-eżekuzzjoni tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ammont tat-tariffa għandu jkun proporzjonat ***għall-fatturat tal-fornitur rispettiv tas-servizzi spazjali***.	2. It-tariffa imposta fuq fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fil-paragrafu 1 għandha tkopri l-kostijiet kollha mġarrba bl-eżekuzzjoni tal-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. L-ammont tat-tariffa għandu jkun proporzjonat ***għall-kompiti mwettqa fir-rigward tal-operatur ikkonċernat u l-attivitajiet fl-ispazju mwettqa mill-Aġenzija***.

Or. en

Emenda 2160
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 113 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2161
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte, Ondřej Knotek, Jana Nagyová, Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3
Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni ***qed tingħata s-setgħa tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 113 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu***.	3. Il-Kummissjoni ***għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi l-kategoriji ta' kostijiet eliġibbli, il-mod kif għandhom jitħallsu u t-tariffi massimi għal kull kategorija ta' operaturi, wara li tikkonsulta mal-Istati Membri, l-SMEs u l-korpi rappreżentattivi tal-industrija. L-atti delegati ma jistgħux jintroduċu intestaturi tariffarji ġodda***.

Or. en

Emenda 2162
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 113 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu.	3. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 113 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu ***u meta xieraq tistabbilixxi eżenzjonijiet jew tnaqqis għall-istituzzjonijiet tar-riċerka u tal-edukazzjoni u għall-intrapriżi żgħar***.

Or. en

Emenda 2163
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 41 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 113 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu.	3. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 113 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina l-ammont tat-tariffi u l-mod kif għandhom jitħallsu ***sad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament***.

Or. en

Emenda 2164
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 42
Proposta għal regolament
Artikolu 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 42	***imħassar***
Strutturi tal-Aġenzija	
Għall-finijiet tal-kompiti msemmija fl-	

Artikolu 43, b'dan qed jiġu stabbiliti Bord tal-Konformità u Bord tal-Appell fi ħdan l-Aġenzija.

Or. en

Emenda 2165
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 42

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 42	***imħassar***
Strutturi tal-Aġenzija	
Għall-finijiet tal-kompiti msemmija fl-Artikolu 43, b'dan qed jiġu stabbiliti Bord tal-Konformità u Bord tal-Appell fi ħdan l-Aġenzija.	

Or. en

Emenda 2166
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Kompiti tal-Bord tal-Konformità	***Il-Bord*** tal-Konformità

Or. en

Emenda 2167
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 43 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Bord tal-Konformità għandu ***jkun responsabbli biex:***	1. Il-Bord tal-Konformità ***huwa stabbilit fi ħdan l-Aġenzija. Dan*** għandu ***jassisti lill-Aġenzija fit-tħejjija u r-rieżami interni tad-deċiżjonijiet skont l-Artikoli 6, 17, 18, 22, 54, 55 u 56, filwaqt li jqis kif xieraq l-opinjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rwol tal-Bord tal-Konformità huwa definit mill-ġdid: minn korp li jipproponi d-deċiżjonijiet għal korp intern ta' rieżami li jassisti lill-Aġenzija fit-tħejjija u l-kontroll tal-kwalità tad-deċiżjonijiet tagħha. Dan huwa konsistenti mal-istatus tal-Aġenzija bħala dik li primarjament tieħu d-deċiżjonijiet: il-Bord tal-Konformità jipprovdi rigorożità teknika interna mingħajr ma joħloq perkors parallel ta' teħid ta' deċiżjonijiet.

Emenda 2168
3. L-arranġamenti rigward il-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-pajjiżi terzi jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti u għandhom ikunu konformi mar-regoli ta' proċedura tal-Bord tal-Konformità.

4.

Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Konformità għandhom jintlaħqu bil-kunsens tal-membri kollha tiegħu bi drittijiet tal-vot. Jekk ma jkunx jista' jinstab il-kunsens, il-Bord tal-Konformità għandu jieħu deċiżjonijiet skont votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, f'konformità mal-Artikolu 16 tat-TUE.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ma għandux jivvota.

Il-President tal-Bord tal-Konformità għandu jiffirma, f'isem il-Bord tar-Reġistrazzjoni, id-deċiżjonijiet adottati minn dan tal-aħħar.

Or. en

Emenda 2230
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament

Artikolu 45
Proposta għal regolament
Artikolu 45

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 45	***imħassar***
Kompożizzjoni tal-Bord tal-Konformità u r-regoli tal-votazzjoni	
1.	
Il-Bord tal-Konformità għandu jkun kompost minn rappreżentant wieħed minn kull Stat Membru u rappreżentant ieħor tal-Kummissjoni.	
Il-mandat tal-membri tal-Bord tal-Konformità għandu jkun ta' 4 snin u għandu jkun jista' jiġġedded.	
2. Ir-rappreżentanti tal-aġenziji jew tal-korpi tal-Unjoni u ta' pajjiżi terzi jew ta' organizzazzjonijiet internazzjonali jistgħu, b'mod eċċezzjonali, jiġu mistiedna jattendu l-laqgħat tal-Bord tal-Konformità bħala osservaturi, kif ġej:	
(a) fir-rigward tar-rappreżentanti tal-aġenziji jew tal-korpi tal-Unjoni, għal materji relatati ma' kompiti jew aspetti ta' interess għal dawk l-aġenziji jew il-korpi tal-Unjoni;	
(b) fir-rigward tar-rappreżentanti tal-pajjiżi terzi jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali, għal materji relatati direttament magħhom, b'mod partikolari rigward l-assi tal-infrastruttura spazjali li jkunu proprjetà tagħhom jew fit-territorju tagħhom, jew għal materji relatati direttament mal-konformità ta' operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi u ta' organizzazzjonijiet internazzjonali ma' dan ir-Regolament;	
3. L-arranġamenti rigward il-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-pajjiżi terzi jew tal-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jiġu stabbiliti fil-ftehimiet rilevanti u	

għandhom ikunu konformi mar-regoli ta' proċedura tal-Bord tal-Konformità.

4.

Id-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Konformità għandhom jintlaħqu bil-kunsens tal-membri kollha tiegħu bi drittijiet tal-vot. Jekk ma jkunx jista' jinstab il-kunsens, il-Bord tal-Konformità għandu jieħu deċiżjonijiet skont votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, f'konformità mal-Artikolu 16 tat-TUE.

Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni ma għandux jivvota.

Il-President tal-Bord tal-Konformità għandu jiffirma, f'isem il-Bord tar-Reġistrazzjoni, id-deċiżjonijiet adottati minn dan tal-aħħar.

Or. en

Emenda 2231
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Qed jiġi stabbilit Bord tal-Appell. Il-Bord tal-Appell għandu jkun responsabbli biex jiddeċiedi dwar l-appelli mid-deċiżjonijiet tal-Aġenzija.	1. Qed jiġi stabbilit Bord tal-Appell ***fi ħdan l-Aġenzija***. Il-Bord tal-Appell għandu jkun responsabbli biex jiddeċiedi dwar l-appelli mid-deċiżjonijiet tal-Aġenzija.

Or. en

Emenda 2232
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament

Artikolu 46 – paragrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bord tal-Appell għandu jkun magħmul minn sitt membri u minn sitt supplenti li għandu jaħtarhom il-Bord Amministrattiv minn lista ta' kandidati kwalifikati stabbilita mill-Kummissjoni, abbażi tal-għarfien espert rilevanti tagħhom fl-oqsma tal-liġi spazjali jew tal-attivitajiet fl-ispazju, b'mod partikolari dwar materji relatati mas-sikurezza, mal-ġestjoni tar-riskju, maċ-ċibersigurtà, mas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jew mal-ISOS.	2. Il-Bord tal-Appell għandu jkun magħmul minn sitt membri u minn sitt supplenti li għandu jaħtarhom il-Bord Amministrattiv minn lista ta' kandidati kwalifikati stabbilita mill-Kummissjoni, abbażi tal-għarfien espert rilevanti tagħhom fl-oqsma tal-liġi spazjali jew tal-attivitajiet fl-ispazju, b'mod partikolari dwar materji relatati mas-sikurezza, mal-ġestjoni tar-riskju, maċ-ċibersigurtà, mas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jew mal-ISOS***, wara konsultazzjoni mal-Kunsill***.

Or. en

Emenda 2233
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 46 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Bord tal-Appell għandu jkun magħmul minn sitt membri u minn sitt supplenti li għandu jaħtarhom il-Bord Amministrattiv minn lista ta' kandidati kwalifikati stabbilita mill-Kummissjoni, abbażi tal-għarfien espert rilevanti tagħhom fl-oqsma tal-liġi spazjali jew tal-attivitajiet fl-ispazju, b'mod partikolari dwar materji relatati mas-sikurezza, mal-ġestjoni tar-riskju, maċ-ċibersigurtà, mas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jew mal-ISOS.	2. Il-Bord tal-Appell għandu jkun magħmul minn sitt membri u minn sitt supplenti li għandu jaħtarhom il-Bord Amministrattiv minn lista ta' kandidati kwalifikati stabbilita mill-Kummissjoni, abbażi tal-għarfien espert rilevanti tagħhom fl-oqsma tal-liġi spazjali jew tal-attivitajiet fl-ispazju, b'mod partikolari dwar materji relatati mas-sikurezza, mal-ġestjoni tar-riskju, ***mal-protezzjoni tad-data,*** maċ-ċibersigurtà, mas-sostenibbiltà ambjentali tal-attivitajiet fl-ispazju, jew mal-ISOS.

Or. ro

Emenda 2234
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Titolu III – Kapitolu II – Taqsima 2 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2 SETGĦAT TAL-KUMMISSJONI U TAL-AĠENZIJA FIR-RIGWARD TAL-OPERATURI SPAZJALI TAL-UNJONI TA' ASSI TAL-UNJONI U FIR-RIGWARD ***TAL-FORNITURI TAS-SERVIZZI*** SPAZJALI TA' PAJJIŻI TERZI	2 SETGĦAT TAL-KUMMISSJONI U TAL-AĠENZIJA FIR-RIGWARD TAL-OPERATURI SPAZJALI TAL-UNJONI TA' ASSI TAL-UNJONI U FIR-RIGWARD ***TAL-OPERATURI*** SPAZJALI TA' PAJJIŻI TERZI

Or. en

Emenda 2235
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 2236
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – titolu
Proposta għal regolament
Artikolu 48

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ambitu u eżerċizzju tas-setgħat tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni	Ambitu u eżerċizzju tas-setgħat tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni ***rigward l-***

	operaturi spazjali tal-Unjoni tal-assi tal-Unjoni

Or. en

Emenda 2237
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Ambitu u eżerċizzju tas-setgħat ***tal-Aġenzija u*** tal-Kummissjoni	Ambitu u eżerċizzju tas-setgħat tal-Kummissjoni ***u tal-Aġenzija***

Or. en

Emenda 2238
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – parti introduttorja
Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni, appoġġata u assistita mill-Aġenzija, għandha teżerċita s-superviżjoni ***tal-forniturituras-servizzi*** spazjali ***li ġejjin*** fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, bil-mod speċifikat f'din it-Taqsima***, kif ġej***:	1. Il-Kummissjoni, appoġġata u assistita mill-Aġenzija, għandha teżerċita s-superviżjoni ***tal-operaturi*** spazjali ***tal-Unjoni u tal-assi tal-Unjoni li huma entitajiet fdati bl-eżekuzzjoni jew bl-operat tal-komponenti tal-Programm tal-Unjoni Spazjali, abbażi tal-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12(2), u b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi tal-Istati Membri*** fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, bil-mod speċifikat f'din it-Taqsima:

Or. en

Emenda 2239
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni, appoġġata u assistita mill-Aġenzija, għandha teżerċita s-superviżjoni tal-forniturі tas-servizzi spazjali li ġejjin fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, bil-mod speċifikat f'din it-Taqsima, kif ġej:	1. Il-Kummissjoni, appoġġata u assistita mill-Aġenzija, għandha teżerċita s-superviżjoni ***u l-monitoraġġ tal-attivitajiet*** tal-forniturі tas-servizzi spazjali li ġejjin fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, bil-mod speċifikat f'din it-Taqsima, kif ġej:

Or. ro

Emenda 2240
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-Kummissjoni, appoġġata u assistita mill-Aġenzija***, għandha teżerċita s-superviżjoni tal-forniturі tas-servizzi spazjali li ġejjin fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, bil-mod speċifikat f'din it-Taqsima, kif ġej:	1. ***L-Aġenzija*** għandha teżerċita s-superviżjoni tal-forniturі tas-servizzi spazjali li ġejjin fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, bil-mod speċifikat f'din it-Taqsima, kif ġej:

Or. en

Emenda 2241
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni***, appoġġata u assistita mill-Aġenzija***, għandha teżerċita s-superviżjoni tal-forniturи tas-servizzi spazjali li ġejjin fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, bil-mod speċifikat f'din it-Taqsima, kif ġej:	1. Il-Kummissjoni, għandha teżerċita s-superviżjoni tal-forniturи tas-servizzi spazjali li ġejjin fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, bil-mod speċifikat f'din it-Taqsima, kif ġej:

Or. en

Emenda 2242
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni, appoġġata u assistita mill-Aġenzija, għandha teżerċita s-superviżjoni ***tal-forniturи tas-servizzi*** spazjali li ġejjin fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, bil-mod speċifikat f'din it-Taqsima, kif ġej:	1. Il-Kummissjoni, appoġġata u assistita mill-Aġenzija, għandha teżerċita s-superviżjoni ***tal-operaturi*** spazjali li ġejjin fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, bil-mod speċifikat f'din it-Taqsima, kif ġej:

Or. en

Emenda 2243
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-Kummissjoni, appoġġata u assistita mill-Aġenzija***, għandha teżerċita s-superviżjoni tal-forniturи tas-servizzi spazjali li ġejjin fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-	1. ***L-Aġenzija, appoġġata mill-Kummissjoni***, għandha teżerċita s-superviżjoni tal-forniturи tas-servizzi spazjali li ġejjin fir-rigward tal-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-

Regolament, bil-mod speċifikat f'din it-Taqsima, kif ġej:	Regolament, bil-mod speċifikat f'din it-Taqsima, kif ġej:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Aġenzija, mhux il-Kummissjoni, teżerċita superviżjoni tal-operaturi kollha soġġetti għas-sistema tal-EUSA. Skont it-test tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni ssorveljat sett ristrett ta' operaturi tal-assi tal-Unjoni filwaqt li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ssorveljaw lil kulħadd. Id-dispożizzjoni riveduta tagħti lill-Aġenzija r-responsabbiltà superviżorja primarja, konsistenti mar-rwol tal-Aġenzija bħala l-awtorità unika ta' awtorizzazzjoni u reġistrazzjoni.

Emenda 2244
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt a
Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni li jkunu entitajiet fdati bl-eżekuzzjoni jew bl-operat tal-komponenti tal-Programm tal-Unjoni, abbażi tal-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12(2);	***imħassar***

Or. en

Emenda 2245
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-operaturi ***spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni li jkunu entitajiet fdati bl-eżekuzzjoni jew bl-operat tal-komponenti***	(a) L-operaturi ***soġġetti għal awtorizzazzjoni tal-EUSA***;

tal-Programm tal-Unjoni, abbażi tal-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 12(2);

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-operaturi kollha awtorizzati mill-EUSA huma soġġetti għas-superviżjoni tal-Aġenzija. Is-subkategorija preċedenti ta' "operaturi tal-assi tal-Unjoni ssorveljati mill-Kummissjoni" titneħħa: l-operaturi awtorizzati kollha jinsabu fil-perimetru superviżorju tal-Aġenzija.

Emenda 2246
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni li jkunu entitajiet fdati bl-eżekuzzjoni jew bl-operat tal-komponenti tal-Programm tal-Unjoni, abbażi tal-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu ***12(2)***;	(a) L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni li jkunu entitajiet fdati bl-eżekuzzjoni jew bl-operat tal-komponenti tal-Programm ***Spazjali*** tal-Unjoni, abbażi tal-awtorizzazzjoni maħruġa mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu ***6***;

Or. en

Emenda 2247
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1– punt b
Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2248
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) operaturi spazjali ***ta' pajjiżi terzi***;	(b) operaturi spazjali ***minn pajjiż terz u organizzazzjonijiet internazzjonali rreġistrati fl-URSA***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-operaturi ta' pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet internazzjonali rreġistrati fl-URSA huma soġġetti għas-superviżjoni tal-Aġenzija. Trattament ugwali: ir-reġistrazzjoni għandha l-istess obbligi ta' superviżjoni kontinwa bħall-awtorizzazzjoni.

Emenda 2249
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) organizzazzjonijiet internazzjonali, skont l-Artikolu 107(3), u l-Artikolu 108, rispettivament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2250
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) organizzazzjonijiet internazzjonali, skont l-Artikolu 107(3), u l-Artikolu 108, rispettivament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2251
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt c
Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) organizzazzjonijiet internazzjonali, skont l-Artikolu 107(3), u l-Artikolu 108, rispettivament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2252
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) organizzazzjonijiet internazzjonali, skont l-Artikolu 107(3), u l-Artikolu 108, rispettivament.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Konsegwenzjali: il-kompetenza superviżorja separata tal-Kummissjoni għal ċerti organizzazzjonijiet internazzjonali hija mħassra. L-entitajiet taħt superviżjoni kollha jinsabu fil-perimetru tal-Aġenzija.

Emenda 2253
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) organizzazzjonijiet internazzjonali, skont l-Artikolu 107(3)***, u l-Artikolu 108, rispettivament***.	(c) organizzazzjonijiet internazzjonali, skont l-Artikolu 107(3).

Or. en

Emenda 2254
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar kull waħda mill-azzjonijiet imsemmija ***fl-Artikoli*** 49***, 50, 51 u 52***.	L-Aġenzija għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar kull waħda mill-azzjonijiet imsemmija ***fl-Artikolu*** 49.

Or. en

Emenda 2255
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jeżerċitaw separatament jew b'mod konġunt kwalunkwe wieħed mill-kompiti msemmija fl-Artikoli 49, 50, 51 u	***imħassar***

52.

Or. en

Emenda 2256
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 4
Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi rispettivi tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri, l-Aġenzija tista', għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-punt (b), wara l-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 106(1), tikkonkludi arranġamenti ta' kooperazzjoni amministrattiva mal-awtoritajiet rilevanti ta' pajjiżi terzi, biex meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 52(1) ikunu jistgħu jitwettqu spezzjonijiet bla xkiel.	***imħassar***
Dawk l-arranġamenti ta' kooperazzjoni ma għandhomx joħolqu obbligi legali fir-rigward tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha, u lanqas ma għandhom iwaqqfu lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet kompetenti milli jikkonkludu arranġamenti bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi terzi u l-awtoritajiet rilevanti tagħhom.	

Or. en

Emenda 2257
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Dawk l-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jispeċifikaw imqar dan li ġej:	***imħassar***
(a) il-proċeduri dettaljati u l-aspetti ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi li bihom l-Aġenzija tkun tista' twettaq, skont l-Artikolu 52, spezzjonijiet fil-binjiet tan-negozju tal-forniturи tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), li jkunu qegħdin barra mill-Unjoni;	
(b) id-dettalji li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi fl-ispezzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija skont l-Artikolu 52, b'mod partikolari meta l-forniturи tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ikunu entitajiet pubbliċi;	
(c) il-protokolli u l-mekkaniżmi meħtieġa biex tkun żgurata t-trażmissjoni ta' kull informazzjoni rilevanti bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-mekkaniżmi għan-notifika fil-pront minn awtorità ta' pajjiż terz meta jitqies li l-forniturи tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ikunu kisru r-rekwiżiti li huma obbligati josservaw skont il-liġi applikabbli tal-pajjiż terz ikkonċernat, kif ukoll ir-rimedji u l-penali applikati;	
(d) kwalunkwe koordinazzjoni meħtieġa tal-attivitajiet superviżorji mwettqa skont dan ir-Regolament u dawk imwettqa mill-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi, rispettivament;	
(e) it-trażmissjoni ta' aġġornamenti regolari dwar l-iżviluppi regolatorji jew superviżorji fil-pajjiż terz ikkonċernat.	

Or. en

Emenda 2258
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 5
Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Dawk l-arranġamenti ta' kooperazzjoni għandhom jispeċifikaw imqar dan li ġej:	***imħassar***
(a) il-proċeduri dettaljati u l-aspetti ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi li bihom l-Aġenzija tkun tista' twettaq, skont l-Artikolu 52, spezzjonijiet fil-binjiet tan-negozju tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), li jkunu qegħdin barra mill-Unjoni;	
(b) id-dettalji li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi fl-ispezzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija skont l-Artikolu 52, b'mod partikolari meta l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ikunu entitajiet pubbliċi;	
(c) il-protokolli u l-mekkaniżmi meħtieġa biex tkun żgurata t-trażmissjoni ta' kull informazzjoni rilevanti bejn l-Aġenzija u l-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi, b'mod partikolari l-mekkaniżmi għan-notifika fil-pront minn awtorità ta' pajjiż terz meta jitqies li l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ikunu kisru r-rekwiżiti li huma obbligati josservaw skont il-liġi applikabbli tal-pajjiż terz ikkonċernat, kif ukoll ir-rimedji u l-penali applikati;	
(d) kwalunkwe koordinazzjoni meħtieġa tal-attivitajiet superviżorji mwettqa skont dan ir-Regolament u dawk imwettqa mill-	

awtoritajiet tal-pajjiżi terzi, rispettivament;

(e) it-trażmissjoni ta' aġġornamenti regolari dwar l-iżviluppi regolatorji jew superviżorji fil-pajjiż terz ikkonċernat.

Or. en

Emenda 2259
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-proċeduri dettaljati u l-aspetti ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi li bihom l-Aġenzija tkun tista' twettaq***, *skont l-Artikolu 52,*** spezzjonijiet fil-binjiet tan-negozju tal-forniturи tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), li jkunu qegħdin barra mill-Unjoni;	(a) il-proċeduri dettaljati u l-aspetti ta' koordinazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi li bihom l-Aġenzija tkun tista' twettaq spezzjonijiet fil-binjiet tan-negozju tal-forniturи tas-servizzi spazjali msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), li jkunu qegħdin barra mill-Unjoni;

Or. en

Emenda 2260
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 48 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) id-dettalji li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi fl-ispezzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija ***skont l-Artikolu 52***, b'mod partikolari meta l-forniturи tas-servizzi spazjali ***msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (b), ikunu*** entitajiet pubbliċi;	(b) id-dettalji li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-rappreżentanti tal-awtoritajiet rilevanti tal-pajjiżi terzi fl-ispezzjonijiet imwettqa mill-Aġenzija, b'mod partikolari meta l-forniturи tas-servizzi spazjali ***jkunu*** entitajiet pubbliċi;

Or. en

Emenda 2261
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1
Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu b'deċiżjoni li l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu ***48(1), il-punti (a), (b) u (c)***, jipprovdu ***kwalunkwe informazzjoni*** meħtieġa lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija biex iwettqu l-kompiti tagħhom ***skont dan ir-Regolament, inkluż kwalunkwe dokument kummerċjali rilevanti, rapport tal-awditjar jew ta' inċident, jew informazzjoni dwar l-attivitajiet esternalizzati***.	1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu b'deċiżjoni li l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu ***48***, jipprovdu ***l-informazzjoni kollha*** meħtieġa lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija biex iwettqu l-kompiti ***superviżorji rispettivi*** tagħhom.

Or. en

Emenda 2262
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu b'deċiżjoni ***li l-fornituri tas-servizzi*** spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), ***il-punti (a), (b) u (c),*** jipprovdu ***kwalunkwe informazzjoni*** meħtieġa lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija biex iwettqu l-kompiti tagħhom ***skont dan ir-***	1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu***, b'talba sempliċi, jew jirrikjedu*** b'deċiżjoni***, li l-operaturi*** spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), jipprovdu ***l-informazzjoni kollha*** meħtieġa lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija biex iwettqu l-kompiti tagħhom.

Regolament, inkluż kwalunkwe dokument kummerċjali rilevanti, rapport tal-awditjar jew ta' inċident, jew informazzjoni dwar l-attivitajiet esternalizzati.

Or. en

Emenda 2263
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu b'deċiżjoni li l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a), (b) u (c), jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż kwalunkwe dokument kummerċjali rilevanti, rapport tal-awditjar jew ta' inċident, jew informazzjoni dwar l-attivitajiet esternalizzati.	1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu b'deċiżjoni li l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a), (b) u (c), jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż kwalunkwe dokument kummerċjali rilevanti, rapport tal-awditjar jew ta' inċident, jew informazzjoni dwar l-attivitajiet esternalizzati***, mingħajr preġudizzju għas-salvagwardji stabbiliti fl-Artikolu 115***.

Or. en

Emenda 2264
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu b'deċiżjoni li l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a)***, (b) u (c)***, jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meħtieġa lill-	1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu b'deċiżjoni li l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a) ***u (b)***, jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meħtieġa lill-

Kummissjoni u lill-Aġenzija biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż kwalunkwe dokument kummerċjali rilevanti, rapport tal-awditjar jew ta' inċident, jew informazzjoni dwar l-attivitajiet esternalizzati.	Kummissjoni u lill-Aġenzija biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż kwalunkwe dokument kummerċjali rilevanti, rapport tal-awditjar jew ta' inċident, jew informazzjoni dwar l-attivitajiet esternalizzati.

Or. en

Emenda 2265
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu b'deċiżjoni li l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a), (b) u (c), jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż kwalunkwe dokument kummerċjali rilevanti, rapport tal-awditjar ***jew ta' inċident***, jew informazzjoni dwar l-attivitajiet esternalizzati.	1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jitolbu b'deċiżjoni li l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a), (b) u (c), jipprovdu kwalunkwe informazzjoni meħtieġa lill-Kummissjoni u lill-Aġenzija biex iwettqu l-kompiti tagħhom skont dan ir-Regolament, inkluż kwalunkwe dokument kummerċjali rilevanti, rapport tal-awditjar, jew informazzjoni dwar l-attivitajiet esternalizzati.

Or. en

Emenda 2266
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Meta tibgħat talba sempliċi għal informazzjoni skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tirreferi għal dan l-Artikolu bħala l-bażi legali tat-talba;

tiddikjara l-iskop tat-talba; tispeċifika liema informazzjoni hija meħtieġa; tistabbilixxi limitu ta' żmien li fih għandha tiġi pprovduta l-informazzjoni; tindika li ma hemm l-ebda obbligu li tiġi pprovduta l-informazzjoni iżda li, fil-każ ta' tweġiba volontarja għat-talba, l-informazzjoni pprovduta trid tkun korretta u mhux qarrieqa; tindika l-multa potenzjali prevista fl-Artikolu 55(1), il-punt (c), meta t-tweġibiet għall-mistoqsija li jsiru jkunu skorretti jew qarrieqa.

Or. en

Emenda 2267
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fid-deċiżjonijiet tagħhom adottati*** skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiddikjaraw l-iskop tat-talba, jispeċifikaw liema informazzjoni hija meħtieġa, jistabbilixxu żmien li matulu trid tingħata dik l-informazzjoni, jispeċifikaw il-multi applikabbli, skont l-Artikolu 55(1), il-punt (c), għall-għoti ta' informazzjoni jew spjegazzjonijiet mhux kompluti, skorretti jew qarrieqa, il-possibbiltà li dik id-deċiżjoni tiġi rieżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja, u r-rimedji legali disponibbli skont l-Artikolu 47.	2. ***Meta jirrikjedu l-għoti ta' informazzjoni permezz ta' deċiżjoni*** skont il-paragrafu 1, fid-deċiżjonijiet tagħhom adottati skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiddikjaraw l-iskop tat-talba, jispeċifikaw liema informazzjoni hija meħtieġa, jistabbilixxu żmien li matulu trid tingħata dik l-informazzjoni, jispeċifikaw il-multi applikabbli, skont l-Artikolu 55(1), il-punt (c), għall-għoti ta' informazzjoni jew spjegazzjonijiet mhux kompluti, skorretti jew qarrieqa ***u jindikaw***, il-possibbiltà li dik id-deċiżjoni tiġi rieżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja ***tal-Unjoni Ewropea***, u r-rimedji legali disponibbli skont l-Artikolu 47.

Or. en

Emenda 2268
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Fid-deċiżjonijiet tagħhom adottati*** skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom jiddikjaraw l-iskop tat-talba***,*** jispeċifikaw liema informazzjoni hija meħtieġa***,*** jistabbilixxu żmien li matulu trid tingħata dik l-informazzjoni***,*** ***jispeċifikaw*** il-multi applikabbli, skont l-Artikolu 55(1), il-punt (c), għall-għoti ta' informazzjoni jew spjegazzjonijiet mhux kompluti, skorretti jew qarrieqa***, il-possibbiltà*** li ***dik id-deċiżjoni*** tiġi rieżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja***, u r-rimedji legali disponibbli skont l-Artikolu 47***.	2. ***Meta jirrikjedu l-għoti ta' informazzjoni b'deċiżjoni*** skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom ***jirreferu għal dan l-Artikolu bħala l-bażi legali tat-talba;*** jiddikjaraw l-iskop tat-talba***;*** jispeċifikaw liema informazzjoni hija meħtieġa***;*** jistabbilixxu żmien li matulu trid tingħata dik l-informazzjoni***; jindikaw*** il-multi applikabbli, skont l-Artikolu 55(1), il-punt (c), għall-għoti ta' informazzjoni jew spjegazzjonijiet mhux kompluti, skorretti jew qarrieqa***; u jindikaw id-dritt*** li ***d-deċiżjoni*** tiġi rieżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja ***tal-Unjoni Ewropea***.

Or. en

Emenda 2269
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***Il-forniturі tas-servizzi*** spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), ***il-punti (a), (b) u (c),*** għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba.	3. ***L-operaturi*** spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), ***jew ir-rappreżentanti legali tagħhom*** għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

Or. en

Emenda 2270
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a)***, (b) u (c)***, għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba.	3. Il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a) ***u (b)***, għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

Or. en

Emenda 2271
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3
Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1)***, il-punti (a), (b) u (c),*** għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba.	3. Il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1) għandhom jipprovdu l-informazzjoni mitluba.

Or. en

Emenda 2272
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tibgħat kopja tat-talba

sempliċi jew tad-deċiżjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1 lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru, jekk ikun hemm, li fit-territorju tiegħu jinsab id-domiċilju jew l-istabbiliment ewlieni tar-rappreżentant legali.

Or. en

Emenda 2273
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3a (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 49 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tibgħat kopja tat-talba sempliċi jew tad-deċiżjoni tagħha msemmija fil-paragrafu 1 lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru, jekk ikun hemm, li fit-territorju tiegħu jinsab id-domiċilju jew l-istabbiliment ewlieni tar-rappreżentant legali.

Or. en

Emenda 2274
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 50

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 2275
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija ***għandhom iwettqu*** investigazzjonijiet ***fost il-forniturі tas-servizzi*** spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1)***, il-punti (a), (b) u (c), rispettivament***.	1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija ***jistgħu jwettqu*** investigazzjonijiet ***meħtieġa tal-operaturi*** spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1).

Or. en

Emenda 2276
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom iwettqu investigazzjonijiet fost il-forniturі tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a)***, (b) u (c)***, rispettivament.	1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom iwettqu investigazzjonijiet fost il-forniturі tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a) ***u (b)***, rispettivament.

Or. en

Emenda 2277
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1
Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija ***għandhom iwettqu*** investigazzjonijiet ***fost il-fornituri tas-servizzi*** spazjali msemmija fl-Artikolu ***48(1), il-punti (a), (b) u (c), rispettivament***.	1. Il-Kummissjoni u l-Aġenzija ***jistgħu jwettqu*** investigazzjonijiet ***meħtieġa tal-operaturi*** spazjali ***tal-assi tal-Unjoni*** msemmija fl-Artikolu ***48***.

Or. en

Emenda 2278
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-Kummissjoni u*** l-Aġenzija ***għandhom iwettqu*** investigazzjonijiet fost il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a), (b) u (c), rispettivament.	1. L-Aġenzija ***għandha twettaq*** investigazzjonijiet fost il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a), (b) u (c), rispettivament.

Or. en

Emenda 2279
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni u l-Aġenzija ***għandhom joħorġu*** awtorizzazzjoni lill-uffiċjali dežinjati ***tagħhom*** biex ***ikunu jistgħu jwettqu*** l-investigazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. L-uffiċjali ***tal-Kummissjoni u*** tal-Aġenzija ***għandhom jeżerċitaw is-setgħat*** tal-investigazzjoni ***tagħhom*** malli tinkiseb din l-awtorizzazzjoni.	L-Aġenzija ***għandha toħroġ*** awtorizzazzjoni lill-uffiċjali dežinjati ***tagħha*** biex ***tkun tista' twettaq*** l-investigazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. L-uffiċjali tal-Aġenzija ***għandha teżerċita s-setgħat*** tal-investigazzjoni ***tagħha*** malli tinkiseb din l-awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 2280
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom joħorġu awtorizzazzjoni lill-uffiċjali dežinjati tagħhom biex ikunu jistgħu jwettqu l-investigazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. L-uffiċjali tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija għandhom jeżerċitaw is-setgħat tal-investigazzjoni tagħhom malli tinkiseb din l-awtorizzazzjoni.	Il-Kummissjoni u l-Aġenzija għandhom joħorġu awtorizzazzjoni lill-uffiċjali dežinjati tagħhom biex ikunu jistgħu jwettqu l-investigazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1. L-uffiċjali tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija għandhom jeżerċitaw is-setgħat tal-investigazzjoni tagħhom malli tinkiseb din l-awtorizzazzjoni.

Or. en

Emenda 2281
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – subparagrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jafdaw lil persuni oħra mill-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(1) jew lil awdituri biex iwettqu investigazzjoni flimkien mal-uffiċjali tal-Aġenzija.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2282
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni u l-Aġenzija ***jistgħu jafdaw*** lil persuni oħra mill-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(1) jew lil awdituri biex iwettqu investigazzjoni flimkien mal-uffiċjali tal-Aġenzija.	L-Aġenzija ***tista' tafda*** lil persuni oħra mill-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(1) jew lil awdituri biex iwettqu investigazzjoni flimkien mal-uffiċjali tal-Aġenzija.

Or. en

Emenda 2283
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni ***u l-Aġenzija jistgħu jafdaw*** lil persuni oħra mill-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(1) jew lil awdituri biex iwettqu investigazzjoni flimkien mal-uffiċjali tal-Aġenzija.	Il-Kummissjoni ***tista' tafda*** lil persuni oħra mill-iskwadri konġunti ta' eżaminazzjoni msemmija fl-Artikolu 44(1) jew lil awdituri biex iwettqu investigazzjoni flimkien mal-uffiċjali tal-Aġenzija.

Or. en

Emenda 2284
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, għandha tispeċifika l-iskop tagħha, is-	***imħassar***

suġġett, l-azzjonijiet li jridu jitwettqu, kif ukoll il-multi previsti fl-Artikolu 55(1), il-punt (c), applikabbli meta l-produzzjoni tal-elementi msemmija fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, jew it-tweġibiet tal-mistoqsijiet u l-ispjegazzjonijiet mitluba skont il-paragrafu 4, il-punt (c), ikunu skorretti jew qarrieqa.

Or. en

Emenda 2285
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Emenda ta' Kompromess li tissostitwixxi l-Emenda/i: xejn
Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3
Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, għandha tispeċifika l-iskop tagħha, is-suġġett, l-azzjonijiet li jridu jitwettqu, kif ukoll il-multi previsti fl-Artikolu 55(1), il-punt (c), applikabbli meta l-produzzjoni tal-elementi msemmija fil-paragrafu 4, l-ewwel subparagrafu, jew it-tweġibiet tal-mistoqsijiet u l-ispjegazzjonijiet mitluba skont il-paragrafu 4, il-punt (c), ikunu skorretti jew qarrieqa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2286
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-uffiċjali tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija għandu jkollhom is-setgħa li:	4. ***Fit-twettiq tal-investigazzjonijiet,*** l-uffiċjali tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija għandu jkollhom is-setgħa li:

Or. en

Emenda 2287
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 4 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-uffiċjali ***tal-Kummissjoni u*** tal-Aġenzija għandu jkollhom is-setgħa li:	4. L-uffiċjali tal-Aġenzija għandu jkollhom is-setgħa li:

Or. en

Emenda 2288
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 4 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) jitolbu rekords tat-traffiku telefoniku u tad-data.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2289
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 5 – subparagrafu 1
Proposta għal regolament

Artikolu 50 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a), (b) u (c), rispettivament huma meħtieġa jissottomettu ruħhom għall-investigazzjonijiet.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2290
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1)***, il-punti (a), (b) u (c), rispettivament huma meħtieġa*** jissottomettu ruħhom għall-investigazzjonijiet.	***L-operaturi*** spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1) ***għandhom*** jissottomettu ruħhom għall-investigazzjonijiet ***mibdija mill-Kummissjoni. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-fini tal-investigazzjoni, il-penali rilevanti msemmija fl-Artikolu 55(1), u d-dritt għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea***.

Or. en

Emenda 2291
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a)***, (b) u (c)***, rispettivament huma meħtieġa	Il-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (a) ***u (b)***, rispettivament huma meħtieġa

jissottomettu ruħhom għall-investigazzjonijiet.	jissottomettu ruħhom għall-investigazzjonijiet.

Or. en

Emenda 2292
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien ***xieraq*** qabel id-data tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni ***u l-Aġenzija għandhom jinfurmaw*** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn trid issir l-investigazzjoni dwar l-investigazzjoni ppjanata tal-ismijiet tal-uffiċjali awtorizzati u ta' persuni awtorizzati oħra msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, kif applikabbli.	Fi żmien ***raġonevoli*** qabel id-data tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni ***għandha tinforma*** lill-awtorità ***nazzjonali*** kompetenti tal-Istat Membru fejn trid issir l-investigazzjoni dwar l-investigazzjoni ppjanata tal-ismijiet tal-uffiċjali awtorizzati u ta' persuni awtorizzati oħra msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, kif applikabbli.

Or. en

Emenda 2293
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 5 – subparagrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien xieraq qabel id-data tal-investigazzjoni, ***il-Kummissjoni*** u ***l-Aġenzija għandhom jinfurmaw lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn trid issir l-investigazzjoni dwar l-investigazzjoni ppjanata tal-ismijiet tal-uffiċjali awtorizzati u ta' persuni***	***L-operaturi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1) għandhom jissottomettu ruħhom għal investigazzjonijiet mibdija abbażi ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni. Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-iskop*** tal-investigazzjoni, u ***d-dritt għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-***

awtorizzati oħra msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, kif applikabbli.	***Unjoni Ewropea.***

Or. en

Emenda 2294
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien xieraq qabel id-data tal-investigazzjoni, ***il-Kummissjoni u*** l-Aġenzija ***għandhom jinfurmaw*** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn trid issir l-investigazzjoni dwar l-investigazzjoni ppjanata tal-ismijiet tal-uffiċjali awtorizzati u ta' persuni awtorizzati oħra msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, kif applikabbli.	Fi żmien xieraq qabel id-data tal-investigazzjoni, l-Aġenzija ***għandha tinforma*** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn trid issir l-investigazzjoni dwar l-investigazzjoni ppjanata tal-ismijiet tal-uffiċjali awtorizzati u ta' persuni awtorizzati oħra msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, kif applikabbli.

Or. en

Emenda 2295
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata għandhom, meta jintalbu mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija, jassistu lill-uffiċjali awtorizzati tal-Kummissjoni u lill-Aġenzija u lil persuni awtorizzati oħra, fil-qadi ta' dmirijiethom. Meta jintalab dan, l-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata jistgħu jattendu l-investigazzjoni rispettiva.	6. L-uffiċjali tal-awtorità ***nazzjonali*** kompetenti kkonċernata għandhom, meta jintalbu mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija, jassistu lill-uffiċjali awtorizzati tal-Kummissjoni u lill-Aġenzija u lil persuni awtorizzati oħra, fil-qadi ta' dmirijiethom. Meta jintalab dan, l-uffiċjali tal-awtorità ***nazzjonali*** kompetenti kkonċernata jistgħu jattendu ***wkoll*** l-investigazzjoni rispettiva.

Or. en

Emenda 2296
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 50 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata għandhom, meta jintalbu ***mill-Kummissjoni u*** mill-Aġenzija, jassistu lill-uffiċjali awtorizzati ***tal-Kummissjoni u lill-Aġenzija*** u lil persuni awtorizzati oħra, fil-qadi ta' dmirijiethom. Meta jintalab dan, l-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata jistgħu jattendu l-investigazzjoni rispettiva.	6. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata għandhom, meta jintalbu mill-Aġenzija, jassistu lill-uffiċjali awtorizzati ***tal-Aġenzija*** u lil persuni awtorizzati oħra, fil-qadi ta' dmirijiethom. Meta jintalab dan, l-uffiċjali tal-awtorità kompetenti kkonċernata jistgħu jattendu l-investigazzjoni rispettiva.

Or. en

Emenda 2297
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 51

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 2298
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1
Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni ***u*** l-Aġenzija ***jistgħu jwettqu l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa fuq il-post fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, kif ukoll fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), li jinsabu fl-Unjoni***.	1. ***Jekk spezzjoni fuq il-post prevista fl-Artikolu 51 tirrikjedi awtorizzazzjoni minn awtorità ġudizzjarja f'konformità mad-dritt nazzjonali,*** il-Kummissjoni ***jew*** l-Aġenzija ***għandha tapplika għal tali awtorizzazzjoni***.

Or. en

Emenda 2299
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni ***u l-Aġenzija jistgħu jwettqu*** l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa fuq il-post fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali ***tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, kif ukoll fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-fornituri tas-servizzi spazjali*** msemmija fl-Artikolu 48(1)***, il-punti (b) u (c),*** li jinsabu fl-Unjoni.	1. Il-Kummissjoni ***tista' twettaq*** l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa fuq il-post fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1) li jinsabu fl-Unjoni. ***Meta t-twettiq u l-effiċjenza xierqa tal-ispezzjoni jkunu jirrikjedu dan u ma tingħata l-ebda għażla oħra, il-Kummissjoni tista' twettaq l-ispezzjoni fuq il-post mingħajr avviż minn qabel.***

Or. en

Emenda 2300
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni ***u l-Aġenzija jistgħu jwettqu*** l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa fuq il-post fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, kif ukoll fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), ***il-punti (b) u (c)***, li jinsabu fl-Unjoni.	1. Il-Kummissjoni ***tista' twettaq*** l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa fuq il-post fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, kif ukoll fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), ***il-punt (b)***, li jinsabu fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 2301
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-Kummissjoni u*** l-Aġenzija ***jistgħu jwettqu*** l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa fuq il-post fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, kif ukoll fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), li jinsabu fl-Unjoni.	1. L-Aġenzija ***tista' twettaq*** l-ispezzjonijiet kollha meħtieġa fuq il-post fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, kif ukoll fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), li jinsabu fl-Unjoni.

Or. en

Emenda 2302
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-uffiċjali tal-Kummissjoni u

persuni oħra awtorizzati biex iwettqu spezzjoni fuq il-post jistgħu jidħlu fi kwalunkwe bini kummerċjali, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali li jinsabu fl-Unjoni msemmija fl-Artikolu 48(1) li huma soġġetti għal deċiżjoni ta' investigazzjoni adottata skont l-Artikolu 50. Dawn għandu jkollhom is-setgħat kollha stabbiliti fl-Artikolu 50(4) u s-setgħat biex jissiġillaw kwalunkwe binja tan-negozju, ktieb jew rekord, għall-perjodu ta' dik l-ispezzjoni u għal kemm ikun meħtieġ.

Or. en

Emenda 2303
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1b. L-Artikolu 50(2) għandu japplika mutatis mutandis għall-ispezzjonijiet fuq il-post.

Or. en

Emenda 2304
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru abbażi tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u tal-	***imħassar***

Aġenzija rispettivament, għat-twettiq ta' investigazzjoni fuq il-post.

Dik id-deċiżjoni għandha tiddeżinja lill-uffiċjali awtorizzati tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija u lil persuni oħra awtorizzati mill-Kummissjoni u mill-Aġenzija biex iwettqu spezzjoni.

Din għandha tispeċifika l-għan, is-suġġett u d-data meta se ssir l-ispezzjoni. Għandha tinkludi r-referenza għall-multi u l-pagamenti perjodiċi tal-penali previsti fl-Artikolu 56(1), għal meta l-persuni kkonċernati ma jissottomettux ruħhom għall-ispezzjoni, kif ukoll għall-possibbiltà li dik id-deċiżjoni tiġi rieżaminata mill-Qorti tal-Ġustizzja, u r-rimedji legali disponibbli skont l-Artikolu 47.

Or. en

Emenda 2305
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru abbażi tad-deċiżjonijiet ***tal-Kummissjoni u*** tal-Aġenzija rispettivament, għat-twettiq ta' investigazzjoni fuq il-post.	L-ispezzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom isiru abbażi tad-deċiżjonijiet tal-Aġenzija rispettivament, għat-twettiq ta' investigazzjoni fuq il-post.

Or. en

Emenda 2306
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dik id-deċiżjoni għandha tiddeżinja lill-uffiċjali awtorizzati ***tal-Kummissjoni u*** tal-Aġenzija u lil persuni oħra awtorizzati ***mill-Kummissjoni u*** mill-Aġenzija biex iwettqu spezzjoni.	Dik id-deċiżjoni għandha tiddeżinja lill-uffiċjali awtorizzati tal-Aġenzija u lil persuni oħra awtorizzati mill-Aġenzija biex iwettqu spezzjoni.

Or. en

Emenda 2307
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2a (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-ispezzjonijiet fuq il-post fi Stat Membru għandhom jirrikjedu l-kunsens bil-miktub tal-awtorità nazzjonali kompetenti u għandhom ikunu limitati esklużivament għall-bini u d-dokumentazzjoni relatati mal-allegat ksur. L-operaturi soġġetti għal spezzjonijiet għandhom ikunu intitolati għal rappreżentanza legali u li jirċievu kopja tar-rapporti ta' spezzjoni.

Or. en

Emenda 2308
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-uffiċjali tal-Kummissjoni u tal-	***imħassar***

Aġenzija u persuni oħra awtorizzati biex iwettqu spezzjoni fuq il-post, f'konformità mal-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, jistgħu jidħlu fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u tal-forniturи tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48a(1), il-punti (a) u (b), rispettivament. Dawn għandu jkollhom is-setgħat kollha stabbiliti fl-Artikolu 50(4) u s-setgħat biex jissiġillaw kwalunkwe binja tan-negozju, kotba jew rekords, għall-perjodu ta' dik l-ispezzjoni u għal kemm ikun meħtieġ.

Or. en

Emenda 2309
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3
Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. ***L-uffiċjali tal-Kummissjoni u tal-Aġenzija u persuni oħra awtorizzati biex iwettqu spezzjoni fuq il-post, f'konformità mal-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, jistgħu jidħlu fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u tal-forniturи tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48a(1), il-punti (a) u (b), rispettivament. Dawn għandu jkollhom is-setgħat kollha stabbiliti fl-Artikolu 50(4) u s-setgħat biex jissiġillaw kwalunkwe binja tan-negozju, kotba jew rekords, għall-perjodu ta' dik l-ispezzjoni u għal kemm ikun meħtieġ***.	3. ***Is-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni skont l-Artikoli 49 sa 51 ma għandhomx jintużaw biex jirrikjedu l-iżvelar ta' informazzjoni jew dokumenti li huma soġġetti għal privileġġ professjonali legali***.

Or. en

Emenda 2310
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-uffiċjali tal-Kummissjoni ***u tal-Aġenzija*** u persuni oħra awtorizzati biex iwettqu spezzjoni fuq il-post, f'konformità mal-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, jistgħu jidħlu fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48a(1), ***il-punti (a) u (b)***, rispettivament. Dawn għandu jkollhom is-setgħat kollha stabbiliti fl-Artikolu 50(4) u s-setgħat biex jissiġillaw kwalunkwe binja tan-negozju, kotba jew rekords, għall-perjodu ta' dik l-ispezzjoni u għal kemm ikun meħtieġ.	3. L-uffiċjali tal-Kummissjoni u persuni oħra awtorizzati biex iwettqu spezzjoni fuq il-post, f'konformità mal-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, jistgħu jidħlu fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48a(1), ***il-punt (b)***, rispettivament. Dawn għandu jkollhom is-setgħat kollha stabbiliti fl-Artikolu 50(4) u s-setgħat biex jissiġillaw kwalunkwe binja tan-negozju, kotba jew rekords, għall-perjodu ta' dik l-ispezzjoni u għal kemm ikun meħtieġ.

Or. en

Emenda 2311
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-uffiċjali ***tal-Kummissjoni u*** tal-Aġenzija u persuni oħra awtorizzati biex iwettqu spezzjoni fuq il-post, f'konformità mal-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, jistgħu jidħlu fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48a(1), il-punti (a) u (b), rispettivament. Dawn għandu jkollhom is-setgħat kollha stabbiliti fl-Artikolu 50(4) u s-setgħat biex jissiġillaw kwalunkwe binja tan-negozju, kotba jew rekords, għall-	3. L-uffiċjali tal-Aġenzija u persuni oħra awtorizzati biex iwettqu spezzjoni fuq il-post, f'konformità mal-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, jistgħu jidħlu fi kwalunkwe binja tan-negozju, art jew proprjetà tal-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48a(1), il-punti (a) u (b), rispettivament. Dawn għandu jkollhom is-setgħat kollha stabbiliti fl-Artikolu 50(4) u s-setgħat biex jissiġillaw kwalunkwe binja tan-negozju, kotba jew rekords, għall-perjodu ta' dik l-

perjodu ta' dik l-ispezzjoni u għal kemm ikun meħtieġ.	ispezzjoni u għal kemm ikun meħtieġ.

Or. en

Emenda 2312
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien ***suffiċjenti*** qabel ***l-ispezzjoni***, il-Kummissjoni ***u l-Aġenzija għandhom jinnotifikaw*** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn għandha ssir dik l-ispezzjoni. ***L-ispezzjonijiet għandhom isiru*** jekk l-awtorità rilevanti ma tkun għamlet l-ebda oġġezzjoni.	Fi żmien ***raġonevoli*** qabel ***id-data tal-ispezzjoni***, il-Kummissjoni ***għandha tinnotifika*** lill-awtorità ***nazzjonali*** kompetenti tal-Istat Membru fejn għandha ssir dik l-ispezzjoni. ***L-ispezzjoni għandha ssir*** jekk l-awtorità rilevanti ma tkun għamlet l-ebda oġġezzjoni.

Or. en

Emenda 2313
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fi żmien suffiċjenti qabel l-ispezzjoni, ***il-Kummissjoni u*** l-Aġenzija ***għandhom jinnotifikaw*** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn għandha ssir dik l-ispezzjoni. L-ispezzjonijiet għandhom isiru jekk l-awtorità rilevanti ma tkun għamlet l-ebda oġġezzjoni.	Fi żmien suffiċjenti qabel l-ispezzjoni, l-Aġenzija ***għandha tinnotifika*** lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn għandha ssir dik l-ispezzjoni. L-ispezzjonijiet għandhom isiru jekk l-awtorità rilevanti ma tkun għamlet l-ebda oġġezzjoni.

Or. en

Emenda 2314
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-uffiċjali msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom mal-produzzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2315
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 4 – subparagrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-uffiċjali msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu, għandhom jeżerċitaw is-setgħat tagħhom mal-produzzjoni tad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2316
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-operaturi spazjali ***tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u l-fornituri tas-servizzi spazjali*** msemmija fl-Artikolu 48(1)***, il-punti (b) u (c), rispettivament,*** għandhom jissottomettu ruħhom għall-ispezzjonijiet fuq il-post ordnati b'deċiżjoni ***tal-Aġenzija u*** tal-Kummissjoni.	5. L-operaturi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1) għandhom jissottomettu ruħhom għall-ispezzjonijiet fuq il-post ordnati b'deċiżjoni tal-Kummissjoni. ***Id-deċiżjoni għandha tispeċifika s-suġġett u l-iskop tal-investigazzjoni, il-penali rilevanti msemmija fl-Artikolu 55(1), u d-dritt għal rieżami tad-deċiżjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.***

Or. en

Emenda 2317
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), ***il-punti (b) u (c)***, rispettivament, għandhom jissottomettu ruħhom għall-ispezzjonijiet fuq il-post ordnati b'deċiżjoni tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni.	5. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), ***il-punt (b)***, rispettivament, għandhom jissottomettu ruħhom għall-ispezzjonijiet fuq il-post ordnati b'deċiżjoni tal-Aġenzija u tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 2318
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), rispettivament, għandhom jissottomettu ruħhom għall-ispezzjonijiet	5. L-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u l-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), rispettivament, għandhom jissottomettu ruħhom għall-ispezzjonijiet

fuq il-post ordnati b'deċiżjoni tal-Aġenzija ***u tal-Kummissjoni***.	fuq il-post ordnati b'deċiżjoni tal-Aġenzija.

Or. en

Emenda 2319
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn trid issir l-ispezzjoni u l-persuni awtorizzati minn dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom***, *meta jintalbu mill-Kummissjoni jew mill-Aġenzija, jassistu lill-uffiċjali msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu***. L-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jattendu l-ispezzjonijiet fuq il-post, meta jintalab dan.	6. L-uffiċjali tal-awtorità ***nazzjonali*** kompetenti tal-Istat Membru fejn trid issir l-ispezzjoni u l-persuni awtorizzati minn dawk l-awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti għandhom ***jassistu lill-Kummissjoni fit-talba tagħha***. L-uffiċjali tal-awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti jistgħu wkoll jattendu l-ispezzjonijiet fuq il-post, meta jintalab dan.

Or. en

Emenda 2320
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn trid issir l-ispezzjoni u l-persuni awtorizzati minn dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta jintalbu ***mill-Kummissjoni jew*** mill-Aġenzija, jassistu lill-uffiċjali msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu. L-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jattendu l-ispezzjonijiet fuq il-post,	6. L-uffiċjali tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn trid issir l-ispezzjoni u l-persuni awtorizzati minn dawk l-awtoritajiet kompetenti għandhom, meta jintalbu mill-Aġenzija, jassistu lill-uffiċjali msemmija fil-paragrafu 2, it-tieni subparagrafu. L-uffiċjali tal-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jattendu l-ispezzjonijiet fuq il-post, meta jintalab dan.

meta jintalab dan.

Or. en

Emenda 2321
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni ***u l-Aġenzija jistgħu jitolbu*** lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu kompiti investigattivi u spezzjonijiet fuq il-post speċifiċi, kif previst f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 50, f'isimhom. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom imqar l-istess setgħat bħal dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 50.	7. Il-Kummissjoni ***tista' titlob*** lill-awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti biex iwettqu kompiti investigattivi u spezzjonijiet fuq il-post speċifiċi, kif previst f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 50, f'isimhom. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet ***nazzjonali*** kompetenti għandu jkollhom imqar l-istess setgħat bħal dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 50.

Or. en

Emenda 2322
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. ***Il-Kummissjoni u*** l-Aġenzija ***jistgħu jitolbu*** lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu kompiti investigattivi u spezzjonijiet fuq il-post speċifiċi, kif previst f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 50, f'isimhom. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom imqar l-istess setgħat bħal dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 50.	7. L-Aġenzija ***tista' titlob*** lill-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu kompiti investigattivi u spezzjonijiet fuq il-post speċifiċi, kif previst f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 50, f'isimhom. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom imqar l-istess setgħat bħal dawk stabbiliti f'dan l-Artikolu u fl-Artikolu 50.

Or. en

Emenda 2323
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 51 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Meta l-uffiċjali tal-Kummissjoni, jew persuni awtorizzati oħra li jakkumpanjawhom, isibu li persuna topponi spezzjoni ordnata skont dan l-Artikolu, l-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat għandha tagħtihom l-assistenza meħtieġa, filwaqt li titlob, fejn xieraq, l-assistenza tal-pulizija jew ta' awtorità tal-infurzar ekwivalenti, biex ikunu jistgħu jwettqu l-ispezzjoni tagħhom fuq il-post.

Or. en

Emenda 2324
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 52	***imħassar***
Spezzjonijiet fuq il-post barra mill-Unjoni	
1. Meta l-Kummissjoni u l-Aġenzija ma jkunux jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament b'interazzjoni mar-rappreżentanti legali msemmija fl-Artikolu 23 tal-forniturи tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post fil-binja tan-negozju, fl-art jew fil-proprjetà tal-forniturи tas-servizzi spazjali	

msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), li jinsabu barra mill-Unjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), jagħti l-kunsens tiegħu għat-twettiq ta' spezzjoni f'pajjiż terz; kif ukoll

(b) l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz tkun ġiet notifikata uffiċjalment mill-Aġenzija u ma tkun għamlet l-ebda oġġezzjoni għaliha.

2. Meta l-Kummissjoni u l-Aġenzija jaġixxu abbażi tal-paragrafu 1, dawn għandu jkollhom is-setgħat imsemmija fi:

(a) l-Artikolu 49;

(b) l-Artikolu 50(4), il-punti (a), (b) u (c);

(c) l-Artikolu 51(3).

Or. en

Emenda 2325
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 52	***imħassar***
Spezzjonijiet fuq il-post barra mill-Unjoni	
1. Meta l-Kummissjoni u l-Aġenzija ma jkunux jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament b'interazzjoni mar-rappreżentanti legali msemmija fl-Artikolu 23 tal-forniturи tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post fil-binja tan-negozju, fl-art jew fil-proprjetà tal-forniturи tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), li jinsabu barra mill-Unjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	

(a) il-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), jagħti l-kunsens tiegħu għat-twettiq ta' spezzjoni f'pajjiż terz; kif ukoll

(b) l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz tkun ġiet notifikata uffiċjalment mill-Aġenzija u ma tkun għamlet l-ebda oġġezzjoni għaliha.

2. Meta l-Kummissjoni u l-Aġenzija jaġixxu abbażi tal-paragrafu 1, dawn għandu jkollhom is-setgħat imsemmija fi:

(a) l-Artikolu 49;

(b) l-Artikolu 50(4), il-punti (a), (b) u (c);

(c) l-Artikolu 51(3).

Or. en

Emenda 2326
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 52	***imħassar***
Spezzjonijiet fuq il-post barra mill-Unjoni	
1. Meta l-Kummissjoni u l-Aġenzija ma jkunux jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament b'interazzjoni mar-rappreżentanti legali msemmija fl-Artikolu 23 tal-forniturи tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post fil-binja tan-negozju, fl-art jew fil-proprjetà tal-forniturи tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), li jinsabu barra mill-Unjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	
(a) il-fornitur tas-servizzi spazjali	

kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), jagħti l-kunsens tiegħu għat-twettiq ta' spezzjoni f'pajjiż terz; kif ukoll

(b) l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz tkun ġiet notifikata uffiċjalment mill-Aġenzija u ma tkun għamlet l-ebda oġġezzjoni għaliha.

2. Meta l-Kummissjoni u l-Aġenzija jaġixxu abbażi tal-paragrafu 1, dawn għandu jkollhom is-setgħat imsemmija fi:

(a) l-Artikolu 49;

(b) l-Artikolu 50(4), il-punti (a), (b) u (c);

(c) l-Artikolu 51(3).

Or. en

Emenda 2327
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 52

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 52	***imħassar***
Spezzjonijiet fuq il-post barra mill-Unjoni	
1. Meta l-Kummissjoni u l-Aġenzija ma jkunux jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament b'interazzjoni mar-rappreżentanti legali msemmija fl-Artikolu 23 tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post fil-binja tan-negozju, fl-art jew fil-proprjetà tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), li jinsabu barra mill-Unjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	
(a) il-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), jagħti l-kunsens tiegħu għat-twettiq ta' spezzjoni f'pajjiż terz; kif ukoll	

(b) l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz tkun ġiet notifikata uffiċjalment mill-Aġenzija u ma tkun għamlet l-ebda oġġezzjoni għaliha.

2. Meta l-Kummissjoni u l-Aġenzija jaġixxu abbażi tal-paragrafu 1, dawn għandu jkollhom is-setgħat imsemmija fi:

(a) l-Artikolu 49;

(b) l-Artikolu 50(4), il-punti (a), (b) u (c);

(c) l-Artikolu 51(3).

Or. en

Emenda 2328
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – parti introduttorja
Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Kummissjoni ***u l-Aġenzija ma jkunux jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom*** stabbiliti f'dan ir-Regolament b'interazzjoni mar-rappreżentanti legali ***msemmija fl-Artikolu 23*** tal-forniturі ***tas-servizzi*** spazjali msemmija fl-Artikolu ***48(1), il-punt (b)***, il-Kummissjoni ***u l-Aġenzija jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post fil-binja tan-negozju, fl-art jew fil-proprjetà tal-forniturі*** tas-servizzi spazjali ***msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), li jinsabu barra mill-Unjoni*** jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:	1. Meta l-Kummissjoni ***ma tkunx tista' twettaq il-kompiti tagħha*** stabbiliti f'dan ir-Regolament b'interazzjoni mar-rappreżentanti legali ***tal-forniturі tal-operaturi*** spazjali ***ta' pajjiżi terzi*** msemmija fl-Artikolu ***16a***, il-Kummissjoni ***b'appoġġ tekniku mill-Aġenzija, u b'koordinazzjoni kif meħtieġ magħha, tista' tikkoordina mal-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz biex tikseb l-informazzjoni meħtieġa sabiex twettaq il-kompiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, soġġett għall-kunsens tal-fornitur*** tas-servizzi spazjali ***tal-pajjiż terz. L-evidenza għandha tingħabar f'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-pajjiż ospitanti*** jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

Or. en

Emenda 2329
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Kummissjoni u l-Aġenzija ma jkunux jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament b'interazzjoni mar-rappreżentanti legali msemmija fl-Artikolu 23 tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post fil-binja tan-negozju, fl-art jew fil-proprjetà tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), li jinsabu barra mill-Unjoni jekk ***jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:***	1. Meta l-Kummissjoni u l-Aġenzija ma jkunux jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom stabbiliti f'dan ir-Regolament b'interazzjoni mar-rappreżentanti legali msemmija fl-Artikolu 23 tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), il-Kummissjoni u l-Aġenzija jistgħu jwettqu spezzjonijiet fuq il-post fil-binja tan-negozju, fl-art jew fil-proprjetà tal-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), li jinsabu barra mill-Unjoni jekk ***l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz ikkonċernat tkun ġiet innotifikata uffiċjalment mill-Aġenzija u ma tkun qajmet l-ebda oġġezzjoni f'dak ir-rigward.***

Or. fr

Emenda 2330
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) il-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), jagħti l-kunsens tiegħu għat-twettiq ta' spezzjoni f'pajjiż terz; u	***imħassar***

Or. fr

Emenda 2331
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt a
Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***il-fornitur tas-servizzi*** spazjali ***kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punt (b), jagħti*** l-kunsens ***tiegħu*** għat-twettiq ta' spezzjoni f'pajjiż terz; kif ukoll	(a) ***l-operaturi*** spazjali ***ta' pajjiżi terzi kkonċernati jagħtu*** l-kunsens ***tagħhom*** għat-twettiq ta' spezzjoni f'pajjiż terz; kif ukoll

Or. en

Emenda 2332
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz tkun ġiet notifikata uffiċjalment mill-Aġenzija u ma tkun għamlet l-ebda oġġezzjoni għaliha.	***imħassar***

Or. fr

Emenda 2333
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1– punt b
Proposta għal regolament
Artikolu 52 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz tkun ġiet notifikata uffiċjalment ***mill-Aġenzija*** u ma tkun għamlet l-ebda oġġezzjoni għaliha.	(b) l-awtorità rilevanti tal-pajjiż terz tkun ġiet notifikata uffiċjalment ***mill-Kummissjoni*** u ma tkun għamlet l-ebda oġġezzjoni għaliha.

Or. en

Emenda 2334
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 53

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Artikolu 53	***imħassar***
Proċedura għal investigazzjoni mill-Aġenzija	
1. Meta l-Aġenzija jkollha indikazzjonijiet serji ta' ksur tar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fit-Titolu IV, l-Aġenzija għandha tiftaħ investigazzjoni.	
2. L-uffiċjali li jwettqu l-investigazzjoni għandu jkollhom is-setgħa li jitolbu informazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 49, biex iwettqu investigazzjonijiet, u rispettivament, spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mal-Artikoli 50 u 51.	

Or. en

Emenda 2335
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proċedura għal investigazzjoni ***mill-Aġenzija***	Proċedura għal investigazzjoni ***mill-Kummissjoni***

Or. en

Emenda 2336

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	-1. Il-Kummissjoni tista', b'inizjattiva tagħha stess, wara talba minn Stat Membru jew wara lment, tinvestiga kwalunkwe ksur ta' dan ir-Regolament.
	Meta l-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet serji tal-eżistenza possibbli ta' fatti li jistgħu jikkostitwixxu ksur tar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fit-Titolu IV, il-Kummissjoni għandha tiftaħ investigazzjoni.

Or. en

Emenda 2337
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Aġenzija jkollha indikazzjonijiet serji ta' ksur tar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fit-Titolu IV, l-Aġenzija għandha tiftaħ investigazzjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2338
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Aġenzija jkollha indikazzjonijiet serji ta' ksur tar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fit-Titolu IV, l-Aġenzija għandha tiftaħ investigazzjoni.	1. ***L-Aġenzija tista', wara talba ta' Stat Membru jew wara lment, tinvestiga kwalunkwe ksur ta' dan ir-Regolament.*** Meta l-Aġenzija jkollha indikazzjonijiet serji ***tal-eżistenza possibbli*** ta' ***fatti li jistgħu jikkostitwixxu*** ksur tar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fit-Titolu IV, l-Aġenzija għandha tiftaħ investigazzjoni.

Or. en

Emenda 2339
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Aġenzija jkollha indikazzjonijiet serji ta' ksur tar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti ***fit-Titolu IV***, l-Aġenzija għandha tiftaħ investigazzjoni.	1. Meta l-Aġenzija jkollha indikazzjonijiet serji ta' ksur tar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti ***f'dan ir-Regolament minn kwalunkwe operatur soġġett għal awtorizzazzjoni tal-EUSA jew irreġistrat fl-URSA***, l-Aġenzija għandha tiftaħ investigazzjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Aġenzija tinvestiga l-ksur minn kwalunkwe operatur soġġett għall-awtorizzazzjoni tal-EUSA jew għar-reġistrazzjoni tal-URSA — li ma għadux limitat għall-operaturi spazjali tal-Unjoni jew għal ċerti kategoriji biss. Infurzar ugwali fost l-operaturi kollha fis-suq tal-UE.

Emenda 2340
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-uffiċjali li jwettqu l-investigazzjoni għandu jkollhom is-setgħa li jitolbu informazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 49, biex iwettqu investigazzjonijiet, u rispettivament, spezzjonijiet fuq il-post, f'konformità mal-Artikoli 50 u 51.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 2341
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 53 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. Abbażi tal-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk twettaqx ksur wieħed jew aktar ta' dawk ir-rekwiżiti tekniċi mill-persuni soġġetti għal investigazzjoni u, f'tali każ, għandha tikkunsidra jekk tiħux miżuri superviżorji f'konformità mal-Artikolu 55, timponi multa f'konformità mal-Artikolu 56, jew it-tnejn li huma.

Or. en

Emenda 2342
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 2343
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 54

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
[...]	***imħassar***

Or. en

Emenda 2344
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 1
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, abbażi tal-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 53(2), l-Aġenzija ssib fuq bażi preliminari li operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew, rispettivament, fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), ikun wettaq ksur tar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, kif speċifikat fl-Anness X, l-Aġenzija għandha tagħmel proposta lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur ta' dan ir-Regolament ***u biex tadotta waħda jew aktar mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 55(1), l-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew il-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat***	Meta, abbażi tal-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 53(2), l-Aġenzija ssib fuq bażi preliminari li operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew, rispettivament, fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), ikun wettaq ksur tar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, kif speċifikat fl-Anness X, l-Aġenzija għandha tagħmel proposta lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur ta' dan ir-Regolament.

imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c).

Or. en

Emenda 2345
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, abbażi tal-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 53(2), l-Aġenzija ssib ***fuq bażi preliminari*** li operatur ***spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew, rispettivament, fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), ikun*** wettaq ksur tar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, ***kif speċifikat fl-Anness X,*** l-Aġenzija għandha ***tagħmel proposta lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi*** l-eżistenza ***ta' ksur ta' dan ir-Regolament u biex tadotta*** waħda jew aktar mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 55(1)***, l-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew il-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu*** 48(1)***, il-punti (b) u (c)***.	Meta, abbażi tal-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 53(2), l-Aġenzija ssib li ***kwalunkwe*** operatur ***soġġett għal awtorizzazzjoni tal-EUSA jew irreġistrat fl-URSA jkun*** wettaq ksur tar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, l-Aġenzija għandha ***tadotta deċiżjoni li tistabbilixxi*** l-eżistenza ***tal-ksur u li timponi*** waħda jew aktar mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 55(1)***.***
	L-Aġenzija għandha tistabbilixxi fid-deċiżjoni l-elementi fattwali kollha, ir-regoli miksura, u l-ammont ta' kwalunkwe multa imposta skont l-Artikolu 56.
	L-Aġenzija tista', b'inizjattiva tagħha stess, wara talba minn Stat Membru jew wara lment, tiftaħ jew terġa' tiftaħ investigazzjoni dwar kwalunkwe ksur ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Aġenzija ssib ksur minn kwalunkwe operatur tal-EUSA jew tal-URSA, mhux biss minn kategoriji speċifiċi. L-ambitu tal-investigazzjoni jaqbel mal-ambitu tas-superviżjoni — l-ebda lakuna.

Emenda 2346
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, abbażi tal-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 53(2), l-Aġenzija ssib fuq bażi preliminari li operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew, rispettivament, fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1)***, il-punti (b) u (c),*** ikun wettaq ksur tar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, kif speċifikat fl-Anness X, l-Aġenzija għandha tagħmel proposta lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur ta' dan ir-Regolament u biex tadotta waħda jew aktar mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 55(1), l-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew il-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1)***, il-punti (b) u (c)***.	Meta, abbażi tal-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 53(2), l-Aġenzija ssib fuq bażi preliminari li operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew, rispettivament, fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1) ikun wettaq ksur tar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, kif speċifikat fl-Anness X, l-Aġenzija għandha tagħmel proposta lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur ta' dan ir-Regolament u biex tadotta waħda jew aktar mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 55(1), l-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew il-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1).

Or. en

Emenda 2347
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Meta, abbażi tal-investigazzjoni msemmija	Meta, abbażi tal-investigazzjoni msemmija

fl-Artikolu 53(2), l-Aġenzija ssib fuq bażi preliminari li operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew, rispettivament, fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), ikun wettaq ksur tar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament***, kif speċifikat fl-Anness X***, l-Aġenzija għandha tagħmel proposta lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur ta' dan ir-Regolament u biex tadotta waħda jew aktar mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 55(1), l-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew il-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c).	fl-Artikolu 53(2), l-Aġenzija ssib fuq bażi preliminari li operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew, rispettivament, fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), ikun wettaq ksur tar-rekwiżiti stabbiliti minn dan ir-Regolament, l-Aġenzija għandha tagħmel proposta lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur ta' dan ir-Regolament u biex tadotta waħda jew aktar mill-miżuri msemmija fl-Artikolu 55(1), l-ewwel subparagrafu, fir-rigward tal-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew il-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c).

Or. en

Emenda 2348
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-Aġenzija għandha tindika l-elementi fattwali kollha, ir-regoli li nkisru u l-ammont propost tal-multa.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2349
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 3
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'inizjattiva tagħha stess, wara talba ta' Stat Membru jew wara lment, il-Kummissjoni tista' tinvestiga kwalunkwe ksur ta' dan ir-Regolament.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2350
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 1 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
B'inizjattiva tagħha stess, wara talba ta' Stat Membru jew wara lment, il-Kummissjoni tista' tinvestiga kwalunkwe ksur ta' dan ir-Regolament.	B'inizjattiva tagħha stess, wara talba ta' Stat Membru jew wara lment, il-Kummissjoni tista' tinvestiga kwalunkwe ksur ta' dan ir-Regolament***, jew titlob lill-Aġenzija tinvestiga***.

Or. en

Emenda 2351
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta tissottometti l-proposta lill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, l-Aġenzija għandha tikkunsidra n-natura u s-serjetà tal-ksur abbażi tas-sejbiet preliminari tagħha, filwaqt li tqis il-kriterji li ġejjin:	***imħassar***
(a) il-gravità u t-tul tal-ksur u l-permanenza tad-danni kkawżati mill-	

ksur;

(b) kwalunkwe ksur preċedenti mwettaq minn dak l-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni;

(c) id-dannu materjali jew mhux materjali kkawżat, jew li jista' jiġi kkawżat, minn jew permezz tal-ksur, inkluż it-telf finanzjarju jew ekonomiku u effetti negattivi fuq servizzi oħra, kif ukoll kwalunkwe kriterju rilevanti fir-rigward tal-impatt tal-ksur, bħan-numru ta' utenti affettwati jew il-kobor tat-telf imġarrab minn parti terza minħabba dak il-ksur;

(d) l-intenzjoni jew in-negliġenza min-naħa tal-awtur tal-ksur;

(e) il-miżuri li ħa l-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni biex jevita jew itaffi d-dannu materjali jew mhux materjali msemmi fil-punt (c);

(f) il-livell ta' kooperazzjoni tul il-proċedura tal-investigazzjoni, inkluż kwalunkwe ostaklu tal-awditjar jew l-attivitajiet tal-monitoraġġ, wara s-sejba tal-ksur;

(g) l-importanza tal-profitti miksuba, jew tat-telf evitat, mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur;

(h) konsegwenzi sistemiċi potenzjali li tali ksur jista' jinvolvi;

(i) il-ħtieġa li l-multi amministrattivi jkollhom effett ta' deterrent.

Or. en

Emenda 2352
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 3
Proposta għal regolament
Artikolu 54 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Meta r-riżultat ta' investigazzjoni skont din it-Taqsima ma jippermettix lill-Aġenzija tikkonkludi dwar l-eżistenza ta' ksur ta' dan ir-Regolament, l-Aġenzija għandha tadotta deċiżjoni li tagħlaq l-investigazzjoni. Din għandha tinforma mingħajr dewmien lill-Kummissjoni.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2353
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Miżuri superviżorji ***tal-Kummissjoni***	Miżuri superviżorji ***tal-Aġenzija***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Tirrifletti t-trasferiment tal-awtorità tal-infurzar. l-Aġenzija tiddeċiedi; il-Kummissjoni ma għadhiex fil-katina tal-infurzar.

Emenda 2354
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – parti introduttorja
Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Malli tirċievi l-proposta tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 54(1), l-ewwel subparagrafu***, il-Kummissjoni tista' tieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:	1. ***Meta, f'konformità mal-Artikolu 53, l-Aġenzija ssib ksur fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi definiti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V***, il-Kummissjoni tista' tieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 2355
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Malli tirċievi l-proposta tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 54(1), l-ewwel subparagrafu***, il-Kummissjoni tista' tieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:	1. ***Meta, f'konformità mal-Artikolu 53***, il-Kummissjoni ***ssib ksur fir-rigward tar-rekwiżiti tekniċi definiti fit-Titolu IV, il-Kapitoli I sa V, hija*** tista' tieħu waħda jew aktar mill-azzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 2356
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Malli tirċievi l-proposta tal-Aġenzija msemmija fl-Artikolu 54(1)***, ***l-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni tista' tieħu*** waħda jew aktar ***mill-azzjonijiet*** li ġejjin:	1. ***L-Aġenzija tista', b'deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 54(1), timponi fuq kwalunkwe operatur soġġett għal awtorizzazzjoni tal-EUSA jew irreġistrat fl-URSA,*** waħda jew aktar ***mill-miżuri*** li ġejjin:

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Aġenzija, mhux il-Kummissjoni, timponi miżuri superviżorji fuq l-operaturi. Infurzar dirett mill-Aġenzija fuq l-operaturi kollha fis-suq spazjali tal-UE — konsistenti mal-mudell ta' infurzar tal-EASA għall-avjazzjoni u aġenziji tas-sikurezza tal-UE komparabbli.

Emenda 2357

Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur u*** titlob lill-operatur ***spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni kkonċernat jew lill-fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c),*** biex itemm il-ksur;	(a) titlob lill-operatur biex itemm il-ksur ***u, fejn xieraq, tirrimedjah f'perjodu speċifikat***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ordni ta' rimedju simplifikata: l-Aġenzija tirrikjedi li l-operatur itemm il-ksur f'perjodu speċifikat u, fejn xieraq, jirrimedja l-effetti.

Emenda 2358
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur u titlob lill-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni ***kkonċernat jew lill-fornitur tas-servizzi*** spazjali ***msemmi*** fl-Artikolu 48(1)***, il-punti (b) u (c),*** biex ***itemm il-ksur***;	(a) tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur u titlob lill-operatur spazjali tal-Unjoni***, lill-operatur*** spazjali ***ta' pajjiż terz jew lill-organizzazzjoni internazzjonali kkonċernata msemmija*** fl-Artikolu 48(1) biex ***itemmu l-ksur***;

Or. en

Emenda 2359
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur u titlob lill-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni kkonċernat jew lill-fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), ***il-punti (b) u (c)***, biex itemm il-ksur;	(a) tistabbilixxi l-eżistenza ta' ksur u titlob lill-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni kkonċernat jew lill-fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), ***il-punt (b)***, biex itemm il-ksur;

Or. en

Emenda 2360
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta ***meħtieġ, abbażi ta'*** sejba prima facie ta' ksur***, tordna miżuri interim biex tevita danni irreparabbli***;	(b) ***tordna miżuri interim biex jiġi evitat dannu irreparabbli,*** meta ***jkun hemm*** sejba prima facie ta' ksur ***u l-urġenza tkun tirrikjedi dan***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Miżuri interim: l-Aġenzija tista' tordnahom meta jkun hemm ksur prima facie u urġenza — mingħajr il-ħtieġa ta' sejba formali minn qabel. Il-ħeffa hija essenzjali għal miżuri interim; il-kundizzjoni ta' urġenza hija biżżejjed.

Emenda 2361
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) timponi***, skont l-Artikolu 56,*** multa amministrattiva jew***, kif applikabbli,*** pagament perjodiku tal-penali;	(c) timponi multa amministrattiva jew pagament perjodiku tal-penali ***skont l-Artikolu 56***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Multi amministrattivi u pagamenti perjodiċi tal-penali imposti b'deċiżjoni tal-Aġenzija: il-pass intermedju tal-Kummissjoni jitneħħa.

Emenda 2362
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat ta' assi tal-Unjoni, jew rispettivament ir-reġistrazzjoni fl-URSO tal-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c);	***imħassar***

Or. en

Emenda 2363
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni ***tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat ta' assi tal-Unjoni, jew rispettivament*** ir-reġistrazzjoni ***fl-URSO tal-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c)***;	(d) tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni ***tal-EUSA jew*** ir-reġistrazzjoni ***tal-URSA tal-operatur***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Sospensjoni jew irtirar tal-awtorizzazzjoni tal-EUSA jew tar-reġistrazzjoni tal-URSA b'deċiżjoni tal-Aġenzija. L-Aġenzija li tat l-awtorizzazzjoni jew ir-reġistrazzjoni hija wkoll l-awtorità li tista' tirtiraha — konsistenti u legalment koerenti.

Emenda 2364
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat ta' assi tal-Unjoni, jew rispettivament ir-reġistrazzjoni ***fl-URSO tal-fornitur tas-servizzi*** spazjali ***kkonċernat imsemmi*** fl-Artikolu 48(1)***, il-punti (b) u (c)***;	(d) tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat ta' assi tal-Unjoni, jew rispettivament ir-reġistrazzjoni ***fl-URSA tal-operatur*** spazjali ***ta' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali kkonċernata msemmija*** fl-Artikolu 48(1);

Or. en

Emenda 2365
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat ta' assi tal-Unjoni, jew rispettivament ir-reġistrazzjoni ***fl-URSO*** tal-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c);	(d) tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat ta' assi tal-Unjoni, jew rispettivament ir-reġistrazzjoni ***fl-URSA*** tal-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c);

Or. en

Emenda 2366
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat ta' assi tal-Unjoni, jew rispettivament ir-reġistrazzjoni fl-URSO tal-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), ***il-punti (b) u (c)***;	(d) tissospendi jew tirtira l-awtorizzazzjoni tal-operatur spazjali tal-Unjoni kkonċernat ta' assi tal-Unjoni, jew rispettivament ir-reġistrazzjoni fl-URSO tal-fornitur tas-servizzi spazjali kkonċernat imsemmi fl-Artikolu 48(1), ***il-punt (b)***;

Or. en

Emenda 2367
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) toħroġ avviż pubbliku li jindika lill-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew lill-fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), responsabbli għall-ksur u n-natura tal-ksur.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2368
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt e
Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) toħroġ avviż pubbliku li jindika lill-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi	***imħassar***

tal-Unjoni jew lill-fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), responsabbli għall-ksur u n-natura tal-ksur.

Or. en

Emenda 2369
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) toħroġ avviż pubbliku li jindika lill-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew lill-fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), responsabbli għall-ksur u n-natura tal-ksur.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2370
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) toħroġ avviż pubbliku li jindika ***lill-operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew lill-fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c),*** responsabbli ***għall-ksur*** u n-natura tal-ksur.	(e) toħroġ avviż pubbliku li jindika ***l-operatur*** responsabbli u n-natura tal-ksur.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Avviż pubbliku ta' ksur u operatur responsabbli maħruġ mill-Aġenzija.

Emenda 2371
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ea) Il-Kummissjoni għandha tinnotifika minnufih id-deċiżjoni tagħha lill-operatur spazjali kkonċernat u, meta jkun applikabbli, lill-awtorità nazzjonali kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-operatur spazjali tal-Unjoni tal-assi tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 2372
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta tieħu ***l-azzjonijiet imsemmija*** fil-paragrafu 1, ***il-Kummissjoni*** għandha tqis in-natura u s-serjetà tal-ksur, filwaqt li tqis il-kriterji msemmija fl-Artikolu ***54(2)***.	2. Meta tieħu ***l-miżuri msemmija*** fil-paragrafu 1, ***l-Aġenzija*** għandha tqis in-natura u s-serjetà tal-ksur, filwaqt li tqis il-kriterji msemmija fl-Artikolu ***56(4)***.
	Il-Kummissjoni għandha tiġi infurmata mingħajr dewmien bi kwalunkwe deċiżjoni adottata mill-Aġenzija skont il-paragrafu 1. Fi żmien 30 jum tax-xogħol min-notifika, il-Kummissjoni tista' tirreferi d-deċiżjoni lura lill-Aġenzija meta tqis li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni, filwaqt li tiddikjara r-raġunijiet tagħha. L-Aġenzija għandha teżamina mill-ġdid id-deċiżjoni u jew tikkonfermaha, temendaha jew tirtiraha fi żmien 20 jum tax-xogħol.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Aġenzija tapplika l-istess kriterji ta' proporzjonalità tal-multa bħal fl-Artikolu 54(2). Il-konsistenza bejn il-kriterji tal-investigazzjoni u l-kriterji tal-miżuri.

Emenda 2373
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2
Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta tieħu l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis in-natura u s-serjetà tal-ksur***, filwaqt li tqis il-kriterji msemmija fl-Artikolu 54(2)***.	2. Meta tieħu l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis in-natura u s-serjetà tal-ksur.

Or. en

Emenda 2374
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 55 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Meta tieħu l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis in-natura u s-serjetà tal-ksur***, filwaqt li tqis il-kriterji msemmija fl-Artikolu 54(2)***.	2. Meta tieħu l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis in-natura u s-serjetà tal-ksur.

Or. en

Emenda 2375
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Meta*** l-Aġenzija ***tipproponi***, skont l-Artikolu 54(1), ***l-ewwel subparagrafu, fir-rigward ta'*** operatur ***spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), li l-Kummissjoni timponi multa jew pagament perjodiku tal-penali, għal ksur*** ta' dan ir-Regolament***, il-Kummissjoni tista' timponi multa jew pagament perjodiku tal-penali f'konformità mal-paragrafi 2, 3, 4, 5, 6 u 7, fid-deċiżjoni li ssib il-ksur***.	1. L-Aġenzija ***tista'***, ***fid-deċiżjoni adottata*** skont l-Artikolu 54(1), ***timponi multa jew pagament perjodiku tal-penali fuq kwalunkwe*** operatur ***irreġistrat fl-URSA meta dak l-operatur ikun kiser, intenzjonalment jew b'negliġenza, ir-rekwiżiti*** ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Aġenzija timponi multi u pagamenti perjodiċi tal-penali direttament b'deċiżjoni, mingħajr il-pass intermedjarju tal-Kummissjoni. Il-limitu massimu tal-multa — id-doppju tal-profitti miksuba/tat-telf evitat jew 10 % tal-fatturat annwali dinji — jipprovdi deterrenza sinifikattiv għall-operaturi kummerċjali ta' kull daqs.

Emenda 2376
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta ***l-Aġenzija tipproponi, skont l-Artikolu 54(1), l-ewwel subparagrafu, fir-rigward ta' operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew fornitur tas-servizzi spazjali msemmi*** fl-Artikolu ***48(1), il-punti (b) u (c), li l-Kummissjoni*** timponi multa ***jew pagament perjodiku tal-penali, għal ksur ta' dan ir-Regolament,*** il-Kummissjoni tista' timponi multa ***jew***	1. ***Wara l-investigazzjoni msemmija fl-Artikolu 53 u*** meta ***l-Kummissjoni ssib li persuna wettqet ksur tar-regoli msemmija*** fl-Artikolu ***53, hija*** tista', ***abbażi ta' deċiżjoni,*** timponi multa ***fuq dik il-persuna.*** Il-Kummissjoni tista' timponi ***wkoll*** multa ***fuq kwalunkwe persuna li tostakola l-investigazzjoni tagħha; tonqos milli tikkonforma ma' deċiżjoni adottata***

pagament perjodiku tal-penali f'konformità mal-paragrafi 2, 3, 4, 5, 6 u 7, fid-deċiżjoni li ssib il-ksur.	***skont l-Artikolu 49(1), investigazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 50, jew spezzjoni fuq il-post kif imsemmi fl-Artikoli 51.*** ***Meta tiddetermina l-livell tal-multa li trid tiġi imposta skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 55(2)***.

Or. en

Emenda 2377
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1
Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Aġenzija tipproponi, skont l-Artikolu 54(1), l-ewwel subparagrafu, fir-rigward ta' operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), ***li*** l-Kummissjoni ***timponi*** multa jew pagament perjodiku tal-penali***, għal ksur ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' timponi multa jew pagament perjodiku tal-penali*** f'konformità mal-paragrafi 2, 3, 4, 5, 6 u 7, fid-deċiżjoni li ssib il-ksur.	1. Meta l-Aġenzija tipproponi, skont l-Artikolu 54(1), l-ewwel subparagrafu, fir-rigward ta' operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), ***u meta*** l-Kummissjoni ***tirreġistra ksur ta' dan ir-Regolament il-Kummissjoni tista' timponi*** multa jew pagament perjodiku tal-penali f'konformità mal-paragrafi 2, 3, 4, 5, 6 u 7, fid-deċiżjoni li ssib il-ksur.

Or. en

Emenda 2378
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Meta l-Aġenzija tipproponi, skont l-	1. Meta l-Aġenzija tipproponi, skont l-

Artikolu 54(1), l-ewwel subparagrafu, fir-rigward ta' operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), ***il-punti (b) u (c)***, li l-Kummissjoni timponi multa jew pagament perjodiku tal-penali, għal ksur ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' timponi multa jew pagament perjodiku tal-penali f'konformità mal-paragrafi 2, 3, 4, 5, 6 u 7, fid-deċiżjoni li ssib il-ksur.	Artikolu 54(1), l-ewwel subparagrafu, fir-rigward ta' operatur spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni jew fornitur tas-servizzi spazjali msemmi fl-Artikolu 48(1), ***il-punt (b)***, li l-Kummissjoni timponi multa jew pagament perjodiku tal-penali, għal ksur ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni tista' timponi multa jew pagament perjodiku tal-penali f'konformità mal-paragrafi 2, 3, 4, 5, 6 u 7, fid-deċiżjoni li ssib il-ksur.

Or. en

Emenda 2379
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja li jwettqu ksur potenzjali ta' dan ir-Regolament għandu jkollhom l-opportunità li jiċċaraw id-djalogu mal-Kummissjoni biex jiddiskutu r-raġunijiet, il-kuntest, l-ambitu u l-gravità tan-nuqqas ta' konformità. L-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u l-intrapriżi b'kapitalizzazzjoni medja ma jistgħux jiġu mmultati jew jirċievu penali perjodika meta jiġu żgurati skadenzi stretti biex tintlaħaq il-konformità rispettiva;

Or. en

Emenda 2380
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Ksur għandu jitqies li twettaq intenzjonalment jekk fatturi oġġettivi juru li persuna aġixxiet deliberatament biex twettaq dak il-ksur***.	2. ***Fil-każ ta' multi kif imsemmi fil-paragrafu 1:***
	(a) Meta tiddetermina l-livell tal-multa li trid tiġi imposta skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 55(2).
	(b) Il-Kummissjoni tista' timponi pagamenti perjodiċi tal-penali biex iġġiegħel lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u rispettivament lill-operaturi spazjali ta' pajjiżi terzi jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija fl-Artikolu 48(1):
	(i) itemmu l-ksur ta' dan ir-Regolament;
	(ii) jissottomettu investigazzjoni, biex jikkonformaw ma' deċiżjoni adottata skont l-Artikolu 49(1), jew jissottomettu ruħhom għal spezzjoni fuq il-post ordnata b'deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 31 jew 52; jew
	(iii) jipprovdu tweġibiet jew spjegazzjonijiet korretti jew kompluti b'rispons għal talba jew deċiżjoni kif imsemmi fl-Artikolu 49(1), investigazzjoni kif imsemmi fl-Artikolu 50, jew spezzjoni fuq il-post kif imsemmi fl-Artikolu 51.

Or. en

Emenda 2381
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ammont massimu tal-multa msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun id-doppju tal-ammont tal-profitti miksuba jew id-doppju tal-ammont tat-telf li jkun ġie evitat minħabba l-ksur, meta dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati, inkella meta din id-determinazzjoni ma tkunx possibbli, 2% tal-fatturat annwali totali madwar id-dinja, kif definit fil-liġi rilevanti tal-Unjoni, ta' persuna ġuridika fis-sena finanzjarja preċedenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2382
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ammont massimu tal-multa msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun id-doppju tal-ammont tal-profitti miksuba jew id-doppju tal-ammont tat-telf li jkun ġie evitat minħabba l-ksur, meta dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati, inkella meta din id-determinazzjoni ma tkunx possibbli, 2% tal-fatturat annwali totali madwar id-dinja, kif definit fil-liġi rilevanti tal-Unjoni, ta' persuna ġuridika fis-sena finanzjarja preċedenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2383
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3
Proposta għal regolament

Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ammont massimu tal-multa msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun id-doppju tal-ammont tal-profitti miksuba jew id-doppju tal-ammont tat-telf li jkun ġie evitat minħabba l-ksur, meta dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati, inkella meta din id-determinazzjoni ma tkunx possibbli, 2% tal-fatturat annwali totali madwar id-dinja, kif definit fil-liġi rilevanti tal-Unjoni, ta' persuna ġuridika fis-sena finanzjarja preċedenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2384
Massimiliano Salini

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ammont massimu tal-multa msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun id-doppju tal-ammont tal-profitti miksuba jew id-doppju tal-ammont tat-telf li jkun ġie evitat minħabba l-ksur***, *meta dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati, inkella meta din id-determinazzjoni ma tkunx possibbli, 2% tal-fatturat annwali totali madwar id-dinja, kif definit fil-liġi rilevanti tal-Unjoni, ta' persuna ġuridika fis-sena finanzjarja preċedenti***.	3. L-ammont massimu tal-multa msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun id-doppju tal-ammont tal-profitti miksuba jew id-doppju tal-ammont tat-telf li jkun ġie evitat minħabba l-ksur.

Or. en

Emenda 2385
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ammont massimu tal-multa msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun id-doppju tal-ammont tal-profitti miksuba jew id-doppju tal-ammont tat-telf li jkun ġie evitat minħabba l-ksur, meta dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati***, inkella meta din id-determinazzjoni ma tkunx possibbli, 2% tal-fatturat annwali totali madwar id-dinja, kif definit fil-liġi rilevanti tal-Unjoni, ta' persuna ġuridika fis-sena finanzjarja preċedenti***.	3. L-ammont massimu tal-multa msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun id-doppju tal-ammont tal-profitti miksuba jew id-doppju tal-ammont tat-telf li jkun ġie evitat minħabba l-ksur, meta dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati.

Or. en

Emenda 2386
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ammont massimu tal-multa ***msemmi fil-paragrafu 1*** għandu jkun id-doppju ***tal-ammont*** tal-profitti miksuba jew ***id-doppju tal-ammont*** tat-telf li jkun ġie evitat minħabba l-ksur, ***meta dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati, inkella meta din id-determinazzjoni ma tkunx possibbli, 2%*** tal-fatturat annwali totali madwar id-dinja***, kif definit fil-liġi rilevanti tal-Unjoni, ta' persuna*** ġuridika fis-sena finanzjarja preċedenti.	3. L-ammont massimu tal-multa għandu jkun id-doppju tal-profitti miksuba jew tat-telf li jkun ġie evitat minħabba l-ksur, ***fejn ikun jista' jiġi ddeterminat, jew 10 %*** tal-fatturat annwali totali madwar id-dinja ***tal-persuna*** ġuridika fis-sena finanzjarja preċedenti***, skont liema jkun l-ogħla***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Kjarifika tal-limitu massimu: il-massimu huwa l-ogħla mid-doppju tal-profitti miksuba/tat-telf evitat (fejn ikun jista' jiġi ddeterminat) jew 10 % tal-fatturat annwali madwar id-dinja. Dan jipprovdi bażi ta' kalkolu fattibbli irrispettivament minn jekk il-benefiċċju finanzjarju tan-nuqqas ta' konformità jistax jiġi kkwantifikat b'mod preċiż.

Emenda 2387
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 4
Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta tiddetermina l-livell tal-multa li trid tiġi imposta skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 54(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 2388
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta tiddetermina l-livell tal-multa li trid tiġi imposta skont il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 54(2).	***imħassar***

Or. en

Emenda 2389
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Meta tiddetermina l-livell tal-multa li trid tiġi imposta skont il-paragrafu 1, ***il-***	4. Meta tiddetermina l-livell tal-multa li trid tiġi imposta skont il-paragrafu 1, ***l-***

Kummissjoni għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 54(2).	***Aġenzija*** għandha tqis il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 54(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Aġenzija, mhux il-Kummissjoni, tiddetermina l-livelli tal-multi. Konsistenti mat-trasferiment tal-awtorità tal-infurzar fl-Artikolu 55–56 kollu.

Emenda 2390
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni tista' timponi ***multi u*** pagamenti perjodiċi tal-penali biex iġġiegħel lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u rispettivament ***lill-fornituri tas-servizzi*** spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1)***, il-punti (b) u (c)***, itemmu l-ksur jew jissottomettu ruħhom għal investigazzjoni, u b'mod partikolari jipproduċu r-rekords, id-data, il-proċedura jew kwalunkwe materjal ieħor komplut meħtieġ, u biex jikkompletaw u jikkoreġu kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta f'investigazzjoni mnedija b'deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 50.	5. Il-Kummissjoni tista' timponi pagamenti perjodiċi tal-penali biex iġġiegħel lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u rispettivament ***lill-operaturi*** spazjali ***ta' pajjiżi terzi jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali*** msemmija fl-Artikolu 48(1), itemmu l-ksur jew jissottomettu ruħhom għal investigazzjoni, u b'mod partikolari jipproduċu r-rekords, id-data, il-proċedura jew kwalunkwe materjal ieħor komplut meħtieġ, u biex jikkompletaw u jikkoreġu kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta f'investigazzjoni mnedija b'deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 50.

Or. en

Emenda 2391
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***Il-Kummissjoni*** tista' timponi multi u pagamenti perjodiċi tal-penali biex iġġiegħel lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u rispettivament lill-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), itemmu l-ksur jew jissottomettu ruħhom għal investigazzjoni, u b'mod partikolari jipproduċu r-rekords, id-data, il-proċedura jew kwalunkwe materjal ieħor komplut meħtieġ, u biex jikkompletaw u jikkoreġu kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta f'investigazzjoni mnedija b'deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 50.	5. ***L-Aġenzija*** tista' timponi multi u pagamenti perjodiċi tal-penali biex iġġiegħel lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u rispettivament lill-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), itemmu l-ksur jew jissottomettu ruħhom għal investigazzjoni, u b'mod partikolari jipproduċu r-rekords, id-data, il-proċedura jew kwalunkwe materjal ieħor komplut meħtieġ, u biex jikkompletaw u jikkoreġu kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta f'investigazzjoni mnedija b'deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 50.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Aġenzija, mhux il-Kummissjoni, timponi pagamenti perjodiċi tal-penali

Emenda 2392
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kummissjoni tista' timponi multi u pagamenti perjodiċi tal-penali biex iġġiegħel lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u rispettivament lill-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), ***il-punti (b) u (c)***, itemmu l-ksur jew jissottomettu ruħhom għal investigazzjoni, u b'mod partikolari jipproduċu r-rekords, id-data, il-proċedura jew kwalunkwe materjal ieħor komplut meħtieġ, u biex jikkompletaw u jikkoreġu kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta f'investigazzjoni mnedija b'deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 50.	5. Il-Kummissjoni tista' timponi multi u pagamenti perjodiċi tal-penali biex iġġiegħel lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni, u rispettivament lill-fornituri tas-servizzi spazjali msemmija fl-Artikolu 48(1), ***il-punt (b)***, itemmu l-ksur jew jissottomettu ruħhom għal investigazzjoni, u b'mod partikolari jipproduċu r-rekords, id-data, il-proċedura jew kwalunkwe materjal ieħor komplut meħtieġ, u biex jikkompletaw u jikkoreġu kwalunkwe informazzjoni oħra pprovduta f'investigazzjoni mnedija b'deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 50.

Or. en

Emenda 2393
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 6
Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-pagament perjodiku tal-penali għandu jkun ***effettiv u*** proporzjonat. ***Il-pagament perjodiku tal-penali għandu jiġi impost għal kull ġurnata ta' dewmien.***	6. Il-pagament perjodiku tal-penali għandu jkun proporzjonat.

Or. en

Emenda 2394
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-pagament perjodiku tal-penali għandu jiġi impost għal perjodu massimu ta' 6 xhur, wara n-notifika tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, sakemm ma jiġix iddeterminat, fir-rieżami ta' dik il-miżura, fi tmiem il-perjodu ta' 6 xhur, li l-miżura ma tkunx laħqet l-iskop tagħha.	*(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)*

Or. en

Emenda 2395
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-pagament perjodiku tal-penali għandu jiġi impost għal perjodu massimu ta' 6 xhur, wara n-notifika tad-deċiżjoni ***tal-Kummissjoni***, sakemm ma jiġix iddeterminat, fir-rieżami ta' dik il-miżura, fi tmiem il-perjodu ta' 6 xhur, li l-miżura ma tkunx laħqet l-iskop tagħha.	7. Il-pagament perjodiku tal-penali għandu jiġi impost għal perjodu massimu ta' 6 xhur, wara n-notifika tad-deċiżjoni ***tal-Aġenzija***, sakemm ma jiġix iddeterminat, fir-rieżami ta' dik il-miżura, fi tmiem il-perjodu ta' 6 xhur, li l-miżura ma tkunx laħqet l-iskop tagħha.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limitu massimu ta' pagamenti perjodiċi tal-penali ta' 6 xhur jibda min-notifika tad-deċiżjoni tal-Aġenzija. Konsistenti mat-trasferiment tal-awtorità li tieħu d-deċiżjonijiet.

Emenda 2396
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
8. L-ammonti tal-multi u l-pagamenti perjodiċi tal-penali għandhom jiġu allokati lill-baġit ġenerali tal-Unjoni ***Ewropea***.	8. L-ammonti tal-multi u l-pagamenti perjodiċi tal-penali għandhom jiġu allokati lill-baġit ġenerali tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 2397
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 56 – paragrafu 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
10. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ***ġurisdizzjoni*** bla limiti għal rieżami tad-deċiżjonijiet ***li jimponu*** multi jew pagamenti perjodiċi tal-	10. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jkollha ***ġuriżdizzjoni*** bla limiti ***skont it-tifsira tal-Artikolu 261 tat-TFUE*** għal rieżami tad-deċiżjonijiet ***li***

penali. Tista' tannulla, tnaqqas jew iżżid l-***ammont tal-multa*** jew tal-pagament perjodiku tal-penali impost.	***permezz tagħhom l-Aġenzija tkun imponiet*** multi jew pagamenti perjodiċi tal-penali. Hija tista' tannulla, tnaqqas jew iżżid il-multa jew il-ħlas perjodiku ta' penali impost.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Referenza espliċita għall-ġuriżdizzjoni bla limitu tal-Artikolu 261 tat-TFUE għar-rieżami mill-QĠUE tal-multi u l-pagamenti perjodiċi tal-Aġenzija, konsistenti mal-prattika standard tal-liġi tal-infurzar tal-aġenziji tal-UE (EASA, ESMA, ERA).

Emenda 2398
Sarah Knafo

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni***, qabel ma tieħu deċiżjoni skont l-Artikoli 55 u 56,*** għandha tagħti l-opportunità lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u lill-fornituri tas-servizzi spazjali tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), soġġetti għall-proċedimenti, li jinstemgħu fuq is-sejbiet u r-raġunijiet li fuqhom il-Kummissjoni ***ikun*** beħsiebha tadotta deċiżjoni.	Il-Kummissjoni għandha tagħti l-opportunità lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u lill-fornituri tas-servizzi spazjali tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 48(1), il-punti (b) u (c), soġġetti għall-proċedimenti, li jinstemgħu fuq is-sejbiet u r-raġunijiet li fuqhom il-Kummissjoni ***jkun*** beħsiebha tadotta deċiżjoni.

Or. en

Emenda 2399
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Il-Kummissjoni, qabel ma tieħu deċiżjoni skont l-Artikoli 55 ***u*** 56, għandha tagħti l-opportunità lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u ***lill-fornituri tas-servizzi*** spazjali ***tal-Unjoni*** msemmija fl-Artikolu 48(1)***, il-punti (b) u (c)***, soġġetti għall-proċedimenti, li jinstemgħu fuq is-sejbiet u r-raġunijiet li fuqhom il-Kummissjoni ***ikun*** beħsiebha tadotta deċiżjoni.	Il-Kummissjoni, qabel ma tieħu deċiżjoni skont l-Artikoli 55 ***jew*** 56, għandha tagħti l-opportunità lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u ***lill-operaturi*** spazjali ***ta' pajjiż terz jew lill-organizzazzjonijiet internazzjonali*** msemmija fl-Artikolu 48(1), soġġetti għall-proċedimenti, li jinstemgħu fuq is-sejbiet u r-raġunijiet li fuqhom il-Kummissjoni ***jkun*** beħsiebha tadotta deċiżjoni.

Or. en

Emenda 2400
Elena Donazzan

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-Kummissjoni, qabel ma tieħu deċiżjoni skont l-Artikoli 55 u 56, għandha tagħti l-opportunità lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u lill-fornituri tas-servizzi spazjali tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 48(1), ***il-punti (b) u (c)***, soġġetti għall-proċedimenti, li jinstemgħu fuq is-sejbiet u r-raġunijiet li fuqhom il-Kummissjoni ***ikun*** beħsiebha tadotta deċiżjoni.	Il-Kummissjoni, qabel ma tieħu deċiżjoni skont l-Artikoli 55 u 56, għandha tagħti l-opportunità lill-operaturi spazjali tal-Unjoni ta' assi tal-Unjoni u lill-fornituri tas-servizzi spazjali tal-Unjoni msemmija fl-Artikolu 48(1), ***il-punt (b)***, soġġetti għall-proċedimenti, li jinstemgħu fuq is-sejbiet u r-raġunijiet li fuqhom il-Kummissjoni ***jkun*** beħsiebha tadotta deċiżjoni.

Or. en

Emenda 2401
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-persuni soġġetti għall-proċedimenti	***Id-drittijiet tad-difiża tal-persuni*** soġġetti

għandhom ikunu intitolati aċċess għall-fajl miżmum mill-Kummissjoni, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħra fil-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju.

għall-proċedimenti ***għandhom jiġu rrispettati bis-sħiħ tul il-proċess kollu. Dawn il-persuni*** għandhom ikunu intitolati aċċess għall-fajl miżmum mill-Kummissjoni, soġġett għall-interess leġittimu ta' persuni oħra fil-protezzjoni tas-sigrieti tan-negozju ***jew is-segretezza professjonali***.

Or. en

Emenda 2402
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 57 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għall-informazzjoni kunfidenzjali jew għad-dokumenti preparatorji interni ***tal-Aġenzija jew*** tal-Kummissjoni.	Id-dritt ta' aċċess għall-fajl ma għandux jestendi għall-informazzjoni kunfidenzjali jew għad-dokumenti preparatorji interni tal-Kummissjoni.

Or. en

Emenda 2403
Andi Cristea

Proposta għal regolament
Artikolu 57a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 57a
	Bħala parti minn din il-valutazzjoni, b'segwitu tal-appoġġ, il-gwida u l-konsultazzjoni tal-Aġenzija mal-utenti u l-eżitu tal-identifikazzjoni tal-ħtiġijiet tal-utenti, il-Kummissjoni għandha twettaq "verifika spazjali" tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, filwaqt li tevalwa jekk il-miżuri eżistenti jew proposti tal-Unjoni jħeġġux

biżżejjed l-adozzjoni, l-interoperabbiltà u l-użu mill-ġdid tad-data u tas-servizzi tal-UE bbażati fl-ispazju fost is-setturi.

Or. en

Emenda 2404
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Titolu IV – Kapitolu I – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
I SIKUREZZA ***U SOSTENIBBILTÀ*** FL-ISPAZJU	I SIKUREZZA FL-ISPAZJU

Or. en

Emenda 2405
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Titolu IV – Kapitolu I – Taqsima 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1 ***LANĊJATURI***	1 ***VETTURI TAL-ILLANĊJAR***

Or. en

Emenda 2406
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 1
Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jissottometti Pjan tas-Sikurezza tal-Illanċjar lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt 3 tal-Anness I.	L-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jissottometti Pjan tas-Sikurezza tal-Illanċjar lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt 3 tal-Anness I. ***L-istabbiliment ta' pjan ta' sikurezza ma jistax jimplika obbligi marbuta mal-ekodisinn li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti strettament meħtieġa għas-sikurezza tal-illanċjar.***

Or. en

Emenda 2407
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jissottometti Pjan tas-Sikurezza tal-Illanċjar lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt 3 tal-Anness I.	L-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni għandu jissottometti Pjan tas-Sikurezza tal-Illanċjar lill-awtorità ***nazzjonali*** kompetenti f'konformità mal-punt 3 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 2408
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operatur tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandu jissottometti Pjan tas-Sikurezza tal-Illanċjar lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt 3 tal-Anness I.	L-operatur tal-illanċjar ***attiv fl-Unjoni*** għandu jissottometti Pjan tas-Sikurezza tal-Illanċjar lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt 3 tal-Anness I.

Or. fr

Emenda 2409
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-operatur tal-illanċjar ***tal-Unjoni għandu jissottometti*** Pjan tas-Sikurezza tal-Illanċjar lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt 3 tal-Anness I.	***L-operaturi*** tal-illanċjar ***għandhom jissottomettu*** Pjan tas-Sikurezza tal-Illanċjar lill-awtorità kompetenti f'konformità mal-punt 3 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 2410
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 58a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 58a
	Awtorità tas-sikurezza operazzjonali f'ħin reali
	1. L-awtorità kompetenti, jew l-uffiċjali awtorizzati minnha kif xieraq għal dan l-għan, jistgħu fi kwalunkwe ħin matul il-fażi tal-illanċjar jagħtu struzzjonijiet u jimponu l-miżuri kollha li jqisu meħtieġa fl-interess tas-sikurezza tal-persuni u tal-proprjetà u l-protezzjoni tas-saħħa pubblika u tal-ambjent, inkluża l-attivazzjoni tas-sistema ta' newtralizzazzjoni abbord imsemmija fl-Artikolu 60(4).
	2. L-awtorità kompetenti jew l-uffiċjali awtorizzati għandhom jikkonsultaw lill-operatur tal-illanċjar qabel ma joħorġu struzzjonijiet skont il-paragrafu 1, ħlief meta jkun hemm periklu immedjat.

3. L-operatur tal-illanċjar għandu jikkonforma minnufih mal-istruzzjonijiet maħruġa skont il-paragrafu 1. In-nuqqas ta' konformità għandu jikkostitwixxi raġuni għas-sospensjoni jew l-irtirar tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 30(6).

4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 113 biex tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat imsemmija fil-paragrafu 1, inkluża l-linja ta' kmand bejn l-awtorità kompetenti, l-operatur tas-sit tal-illanċjar, il-Fornituri tas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru u l-fornitur tas-servizzi spazjali tal-Unjoni għall-evitar tal-kolliżjonijiet.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-awtorità tas-sikurezza operazzjonali f'ħin reali mogħtija lill-awtorità kompetenti — inkluża s-setgħa li tagħti struzzjonijiet dwar l-attivazzjoni tas-sistemi ta' newtralizzazzjoni abbord — tifformalizza setgħa li kull awtorità tal-illanċjar responsabbli teżerċita de facto meta vettura tal-illanċjar titbiegħed mit-trajettorja ppjanata tagħha. Il-kodifikazzjoni tiegħu b'mod espliċitu fid-dritt tal-Unjoni tipprovdi ċertezza legali kemm għall-awtorità kif ukoll għall-operatur, tistabbilixxi l-katina ta' koordinazzjoni mal-forniturі tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru, u tittrasforma taħlita ta' protokolli nazzjonali informali ta' emerġenza fi standard koerenti għall-Unjoni kollha.

Emenda 2411
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itaffu r-riskju ta' kolliżjoni bejn il-lanċjatur u l-inġenju tal-ajru, il-bastimenti marittimi jew l-inġenji spazjali, u r-residwi ġol-orbita, waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid.	1. L-operaturi tal-illanċjar għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itaffu r-riskju ta' kolliżjoni bejn il-lanċjatur u l-inġenju tal-ajru, il-bastimenti marittimi jew l-inġenji spazjali, u r-residwi ġol-orbita, waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid.
	Ir-riskju mistenni ta' diżgrazzja (Ec) għal

kull operazzjoni ta' llanċjar u ta' dħul mill-ġdid, aggregat tul il-fażijiet u x-xenarji ta' riskju kollha msemmija fil-punt 1.3 tal-Anness I, ma għandux jaqbeż l-10−5.

L-operaturi tal-illanċjar għandhom iwettqu valutazzjoni tal-evitar tal-kolliżjonijiet tal-illanċjar qabel kull operazzjoni tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness I.

Sakemm jiġu ppubblikati r-referenzi tal-istandards armonizzati skont l-Artikolu 104(1), il-Kummissjoni għandha, fi żmien sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, tippubblika komunikazzjoni li tidentifika l-metodi tekniċi applikabbli fuq bażi interim għall-finijiet ta' dan il-paragrafu.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-estensjoni tal-obbligu ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kolliżjoni għall-operaturi tal-illanċjar kollha tiżgura trattament ugwali u tipprevjeni arbitraġġ regolatorju permezz ta' reġistrazzjoni mhux tal-UE għal servizzi ta' llanċjar diretti lejn is-suq tal-Unjoni.

Emenda 2412
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itaffu r-riskju ta' kolliżjoni bejn il-lanċjatur u l-inġenju tal-ajru, il-bastimenti marittimi jew l-inġenji spazjali, u r-residwi ġol-orbita, waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid.	1. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ***jivvalutaw u jiġġestixxu r-riskji għall-persuni, għall-proprjetà u għall-ambjent, inkluż billi jistabbilixxu żoni ta' sikurezza, u biex jiżguraw koordinazzjoni effettiva mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali u internazzjonali, sabiex*** itaffu r-riskju ta' kolliżjoni bejn il-lanċjatur u l-inġenju tal-ajru, il-bastimenti marittimi jew l-inġenji

spazjali, u r-residwi ġol-orbita, waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Bħal fil-każ tal-attivitajiet spazjali kollha, huma meħtieġa dispożizzjonijiet biex jiġu ġestiti r-riskji għan-nies, għall-proprjetà u għall-ambjent, inkluż billi jiġu stabbiliti żoni ta' sikurezza.

Emenda 2413
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ***itaffu r-riskju*** ta' kolliżjoni bejn il-lanċjatur u l-inġenju tal-ajru, il-bastimenti marittimi jew l-inġenji spazjali, u r-residwi ġol-orbita, waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid.	1. L-operaturi tal-illanċjar ***attivi fl-Unjoni*** għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ***jimminimizzaw ir-riskju*** ta' kolliżjoni bejn il-lanċjatur u l-inġenju tal-ajru, il-bastimenti marittimi jew l-inġenji spazjali, u r-residwi ġol-orbita, waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid.

Or. fr

Emenda 2414
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itaffu r-riskju ta' kolliżjoni bejn ***il-lanċjatur*** u l-inġenju tal-ajru, il-bastimenti marittimi jew l-inġenji spazjali, u r-residwi ġol-orbita, waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid.	1. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itaffu r-riskju ta' kolliżjoni bejn ***il-vettura tal-illanċjar*** u l-inġenju tal-ajru, il-bastimenti marittimi jew l-inġenji spazjali, u r-residwi ġol-orbita, waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid.

Or. en

Emenda 2415
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itaffu r-riskju ta' kolliżjoni bejn il-lanċjatur u l-inġenju tal-ajru, il-bastimenti marittimi jew l-inġenji spazjali, u r-residwi ġol-orbita, waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid.	1. L-operaturi tal-illanċjar għandhom jieħdu miżuri xierqa biex itaffu r-riskju ta' kolliżjoni bejn il-lanċjatur u l-inġenju tal-ajru, il-bastimenti marittimi jew l-inġenji spazjali, u r-residwi ġol-orbita, waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid.

Or. en

Emenda 2416
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-operaturi tal-illanċjar attivi fl-Unjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw id-diżorbitazzjoni jew id-dħul mill-ġdid sistematiku tal-lanċjaturi ladarba jkun twettaq l-illanċjar u tiġi żgurata s-sikurezza tat-tagħbijiet utli jew tal-passiġġieri abbord.

Or. fr

Emenda 2417
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jiżguraw livell għoli ta' reżiljenza fiżika u diġitali tal-infrastrutturi tagħhom matul il-fażi tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid.

Or. en

Emenda 2418
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-miżuri tal-mitigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:	2. Il-miżuri tal-mitigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ***u*** għandhom ***iqisu l-istandards u l-aħjar prattiki diġà eżistenti u*** jinkludu:

Or. en

Emenda 2419
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-miżuri tal-mitigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu:	2. Il-miżuri tal-mitigazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ***iqisu l-istandards eżistenti u l-aħjar prattiki u*** jinkludu:

Or. en

Emenda 2420
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju – l-Evitar ta' Kolliżjonijiet waqt l-Illanċjar ("LCOLA") – f'konformità mal-punt 1.2 tal-Anness I***, u l-implimentazzjoni tat-tieqa tal-għeluq tal-illanċjar kif xieraq***;	(b) it-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju – l-Evitar ta' Kolliżjonijiet waqt l-Illanċjar ("LCOLA") – f'konformità mal-punt 1.2 tal-Anness I;

Or. en

Emenda 2421
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-twettiq ta' valutazzjoni tar-riskju - l-Evitar ta' Kolliżjonijiet waqt l-Illanċjar ("LCOLA") - f'konformità mal-punt 1.2 tal-Anness I, u l-implimentazzjoni tat-tieqa tal-għeluq tal-illanċjar kif xieraq;	(b) it-twettiq ta' valutazzjoni ***u ġestjoni*** tar-riskju - l-Evitar ta' Kolliżjonijiet waqt l-Illanċjar ("LCOLA") - f'konformità mal-punt 1.2 tal-Anness I, u l-implimentazzjoni tat-tieqa tal-għeluq tal-illanċjar kif xieraq;

Or. ro

Emenda 2422
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-kalkolu u l-limitazzjoni tar-riskju ta' diżgrazzja waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid, f'konformità mal-punt 1.3, tal-	(c) il-kalkolu u l-limitazzjoni tar-riskju ta' diżgrazzja waqt l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid, f'konformità mal-punt 1.3, tal-Anness I***, u t-tfassil ta' proċeduri ta'***

Anness I.	***emerġenza f'każ ta' anomalija jew inċident u ta' miżuri ta' rispons xierqa biex jiġu minimizzati r-riskji assoċjati***.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Bħal fil-każ tal-attivitajiet spazjali kollha, huma meħtieġa dispożizzjonijiet biex jiġu ġestiti r-riskji għan-nies, għall-proprjetà u għall-ambjent, inkluż billi jiġu stabbiliti żoni ta' sikurezza.

Emenda 2423
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) meta l-vettura tal-illanċjar tinkorpora elementi li jistgħu jerġgħu jintużaw li l-irkupru tagħhom huwa ppjanat fil-fażi tal-illanċjar, l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sikurezza għall-fażi ta' rkupru, inklużi:
	(i) id-dežinjazzjoni ta' żoni ta' esklużjoni ta' rkupru fuq l-art u fuq il-baħar, u l-proċeduri ta' notifika għall-attivazzjoni tagħhom;
	(ii) il-koordinazzjoni mal-awtoritajiet rilevanti tal-avjazzjoni marittima u ċivili għall-għeluq tal-korsiji tal-baħar u tal-ispazju tal-ajru fiż-żona ta' rkupru;
	(iii) id-definizzjoni ta' proċeduri ta' abort u ta' kontinġenza għal tentattivi ta' rkupru li ma jirnexxux, inklużi l-miżuri għall-protezzjoni ta' partijiet terzi f'każ ta' nżul mhux ikkontrollat;
	(iv) l-inklużjoni tal-fażi ta' rkupru fil-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont l-Artikolu 60(3) u fil-Pjan tas-Sikurezza tal-Illanċjar ippreżentat skont l-Artikolu 58.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-operazzjonijiet ta' rkupru tal-vetturi tal-illanċjar li jistgħu jerġgħu jintużaw jinvolvu riskji speċifiċi għas-sikurezza — l-impatt tar-residwi f'każ ta' falliment tal-irkupru, il-koordinazzjoni mal-awtoritajiet marittimi u l-avjazzjoni ċivili fiż-żona ta' rkupru dežinjata — li r-regoli eżistenti dwar is-sikurezza tal-illanċjar ma jindirizzawx. Iż-żieda tal-miżuri ta' sikurezza tal-faži ta' rkupru mal-lista meħtieġa tiżgura kopertura komprensiva taċ-ċiklu operazzjonali sħiħ tal-lanċjaturi li jistgħu jerġgħu jintużaw.

Emenda 2424
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 2 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) il-kunsiderazzjoni tar-regoli tal-Unjoni, inklużi d-Direttiva (UE) 2022/2555 u d-Direttiva (UE) 2022/2557.

Or. en

Emenda 2425
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni:	***imħassar***
(a) tiżviluppa l-metodu biex tikkalkula l-LCOLA, abbażi tal-probabbiltà ta' kolliżjoni, li għandha tiġi adattata skont id-daqs l-oġġett ta' interess, u skont jekk l-inġenju spazjali hux abitabbli jew attiv;	
(b) tagħżel, minn il-metodi eżistenti, u tiżviluppa, metodu ġdid għall-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-elementi li	

ġejjin:

(i) il-fenomeni kollha li jwasslu għal riskju ta' ħsara katastrofika (il-fażi tat-tlugħ, il-frammenti li jaqgħu fl-istadju wara s-separazzjoni, id-dħul mill-ġdid fl-atmosfera ta' gverta mqiegħda ġol-orbita, il-fażi tal-irkupru ta' gverta li tista' terġa' tintuża);

(ii) it-trajettorji ta' qabel il-frammentazzjoni (atmosferiċi jew fl-ispazju barra l-atmosfera), skont il-ħinijiet tat-titjiriet u l-ħsarat ikkunsidrati;

(iii) ix-xenarji korrispondenti tal-ġenerazzjoni tal-frammenti u r-residwi, waqt id-dħul mill-ġdid jew waqt in-newtralizzazzjoni tal-vettura tal-illanċjar u r-ritorn lejn id-Dinja ta' xi element tal-lanċjatur;

(iv) it-tixrid fuq l-art tar-residwi u l-evalwazzjoni tal-effetti tagħhom;

(v) l-affidabbiltà tal-vettura tal-illanċjar għall-fażi tal-illanċjar, inkluż, meta applikabbli, waqt il-fażi tal-irkupru;

(vi) l-affidabbiltà tal-manuvra tad-deorbitar tal-element tal-lanċjatur imqiegħed ġol-orbita, fil-każ ta' dħul mill-ġdid ikkontrollat;

(c) tistabbilixxi l-limiti għar-riskji ta' diżgrazzja, f'konformità mal-punt 1.3, il-punt (b) tal-Anness I, għax-xenarji tar-riskju msemmija;

(d) tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tal-koordinazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti u l-forniturі tas-servizzi tat-traffiku biex jivvalutaw l-impatt tal-operazzjonijiet tal-illanċjar fuq servizzi oħra tat-traffiku tal-ajru waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid u biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tfixkil.

Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu

114(2).

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-atti ta' implimentazzjoni mhumiex l-istrument xieraq għall-aġġornament tal-metodoloġija tal-kalkolu tal-LCOLA: dan huwa parametru tekniku essenzjali li l-Parlament għandu jkun jista' jiskrutinizza. Is-setgħa hija trasferita għal atti delegati skont l-emenda li ġejja.

Emenda 2426
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***tiżviluppa l-metodu*** biex tikkalkula l-LCOLA, ***abbażi tal-probabbiltà ta' kolliżjoni, li għandha tiġi adattata skont id-daqs l-oġġett ta' interess, u skont jekk l-inġenju spazjali hux abitabbli jew attiv***;	(a) ***tagħżel, fost il-metodi eżistenti, il-metodu*** biex tikkalkula l-LCOLA, ***filwaqt li tqis l-elementi elenkati fl-Anness I, il-punt 1.2.3***;

Or. en

Emenda 2427
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a
Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżviluppa l-metodu biex tikkalkula l-LCOLA, ***abbażi tal-probabbiltà ta' kolliżjoni, li għandha tiġi adattata skont id-daqs l-oġġett ta' interess, u skont jekk l-inġenju spazjali hux abitabbli jew attiv;***	(a) ***tagħżel, fost il-metodi eżistenti, jew, jekk xieraq*** tiżviluppa l-metodu biex tikkalkula l-LCOLA, ***filwaqt li tqis l-elementi elenkati fl-Anness I, il-punt 1.2.3;***

Or. en

Emenda 2428
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) tiżviluppa ***l-metodu*** biex tikkalkula l-LCOLA, ***abbażi tal-probabbiltà ta' kolliżjoni, li għandha tiġi adattata skont id-daqs l-oġġett ta' interess, u skont jekk l-inġenju spazjali hux abitabbli jew attiv***;	(a) ***tagħżel, fost il-metodi eżistenti, jew*** tiżviluppa***, jekk xieraq metodu*** biex tikkalkula l-LCOLA, ***filwaqt li tqis l-elementi elenkati fl-Anness I, il-punt 1.2.3***;

Or. en

Emenda 2429
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) tiżviluppa, jekk xieraq, metodu ġdid għall-kalkolu tal-LCOLA, filwaqt li tqis l-elementi fl-Anness I, il-punt 1.2.3 u l-limitu għal-LCOLA, filwaqt li tqis l-elementi fl-Anness I, il-punt 1.2.3;

Or. en

Emenda 2430
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – parti introduttorja
Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tagħżel, ***minn il-metodi*** eżistenti, ***u tiżviluppa,*** metodu ***ġdid*** għall-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid***, b'kunsiderazzjoni xierqa tal-elementi li ġejjin:***	(b) tagħżel, ***mill-metodi*** eżistenti, metodu għall-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid***;***

Or. en

Emenda 2431
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tagħżel, ***minn il-metodi*** eżistenti, ***u*** tiżviluppa, metodu ***ġdid*** għall-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid, ***b'kunsiderazzjoni xierqa tal-elementi li ġejjin:***	(b) tagħżel, ***mill-metodi*** eżistenti, ***jew*** tiżviluppa, ***jekk xieraq,*** metodu għall-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid, ***filwaqt li tqis l-elementi elenkati fl-Anness I, il-punt 1.3(a);***

Or. en

Emenda 2432
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) tagħżel, ***minn il-metodi*** eżistenti, ***u tiżviluppa,*** metodu ***ġdid*** għall-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid, ***b'kunsiderazzjoni xierqa tal-elementi li***	(b) tagħżel, ***mill-metodi*** eżistenti, metodu għall-kalkolu tar-riskju kollettiv ta' diżgrazzja minħabba l-illanċjar u d-dħul mill-ġdid, ***filwaqt li tqis l-elementi elenkati fl-Anness I, il-punt 1.3(a);***

ġejjin:

Or. en

Emenda 2433
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-fenomeni kollha li jwasslu għal riskju ta' ħsara katastrofika (il-fażi tat-tlugħ, il-frammenti li jaqgħu fl-istadju wara s-separazzjoni, id-dħul mill-ġdid fl-atmosfera ta' gverta mqiegħda ġol-orbita, il-fażi tal-irkupru ta' gverta li tista' terġa' tintuża);	***imħassar***

Or. en

Emenda 2434
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt i
Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-fenomeni kollha li jwasslu għal riskju ta' ħsara katastrofika (il-fażi tat-tlugħ, il-frammenti li jaqgħu fl-istadju wara s-separazzjoni, id-dħul mill-ġdid fl-atmosfera ta' gverta mqiegħda ġol-orbita, il-fażi tal-irkupru ta' gverta li tista' terġa' tintuża);	***imħassar***

Or. en

Emenda 2435
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-fenomeni kollha li jwasslu għal riskju ta' ħsara katastrofika (il-fażi tat-tlugħ, il-frammenti li jaqgħu fl-istadju wara s-separazzjoni, id-dħul mill-ġdid fl-atmosfera ta' gverta mqiegħda ġol-orbita, il-fażi tal-irkupru ta' gverta li tista' terġa' tintuża);	***imħassar***

Or. en

Emenda 2436
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) it-trajettorji ta' qabel il-frammentazzjoni (atmosferiċi jew fl-ispazju barra l-atmosfera), skont il-ħinijiet tat-titjiriet u l-ħsarat ikkunsidrati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2437
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(ii) it-trajettorji ta' qabel il-frammentazzjoni (atmosferiċi jew fl-ispazju barra l-atmosfera), skont il-ħinijiet tat-titjiriet u l-ħsarat ikkunsidrati; ***imħassar***

Or. en

Emenda 2438
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt ii
Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) it-trajettorji ta' qabel il-frammentazzjoni (atmosferiċi jew fl-ispazju barra l-atmosfera), skont il-ħinijiet tat-titjiriet u l-ħsarat ikkunsidrati;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2439
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ix-xenarji korrispondenti tal-ġenerazzjoni tal-frammenti u r-residwi, waqt id-dħul mill-ġdid jew waqt in-newtralizzazzjoni tal-vettura tal-illanċjar u r-ritorn lejn id-Dinja ta' xi element tal-lanċjatur;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2440

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ix-xenarji korrispondenti tal-ġenerazzjoni tal-frammenti u r-residwi, waqt id-dħul mill-ġdid jew waqt in-newtralizzazzjoni tal-vettura tal-illanċjar u r-ritorn lejn id-Dinja ta' xi element tal-lanċjatur;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2441
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt iii
Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) ix-xenarji korrispondenti tal-ġenerazzjoni tal-frammenti u r-residwi, waqt id-dħul mill-ġdid jew waqt in-newtralizzazzjoni tal-vettura tal-illanċjar u r-ritorn lejn id-Dinja ta' xi element tal-lanċjatur;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2442
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) it-tixrid fuq l-art tar-residwi u l-evalwazzjoni tal-effetti tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2443
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt ii
Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) it-tixrid fuq l-art tar-residwi u l-evalwazzjoni tal-effetti tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2444
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) it-tixrid fuq l-art tar-residwi u l-evalwazzjoni tal-effetti tagħhom;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2445
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) it-tixrid fuq l-art tar-residwi u l-evalwazzjoni tal-effetti tagħhom;	(iv) it-tixrid fuq l-art tar-residwi***, il-monitoraġġ rigoruż*** u l-evalwazzjoni tal-effetti tagħhom;

Or. ro

Emenda 2446
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt iva (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	iva) in-natura perikoluża tal-materjali ttrasportati mill-vettura tal-illanċjar jew mit-tagħbija utli tagħha;

Or. fr

Emenda 2447
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) l-affidabbiltà tal-vettura tal-illanċjar għall-fażi tal-illanċjar, inkluż, meta applikabbli, waqt il-fażi tal-irkupru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2448
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) l-affidabbiltà tal-vettura tal-illanċjar għall-fażi tal-illanċjar, inkluż, meta applikabbli, waqt il-fażi tal-irkupru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2449
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt v
Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt v

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(v) l-affidabbiltà tal-vettura tal-illanċjar għall-fażi tal-illanċjar, inkluż, meta applikabbli, waqt il-fażi tal-irkupru;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2450
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt vi

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) l-affidabbiltà tal-manuvra tad-deorbitar tal-element tal-lanċjatur imqiegħed ġol-orbita, fil-każ ta' dħul mill-ġdid ikkontrollat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2451

András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt vi
Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt vi

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) l-affidabbiltà tal-manuvra tad-deorbitar tal-element tal-lanċjatur imqiegħed ġol-orbita, fil-każ ta' dħul mill-ġdid ikkontrollat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2452
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt b – punt vi

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(vi) l-affidabbiltà tal-manuvra tad-deorbitar tal-element tal-lanċjatur imqiegħed ġol-orbita, fil-każ ta' dħul mill-ġdid ikkontrollat;	***imħassar***

Or. en

Emenda 2453
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tistabbilixxi l-limiti għar-riskji ta' diżgrazzja, f'konformità mal-punt 1.3, il-punt (b) tal-Anness I, għax-xenarji tar-	(c) tistabbilixxi l-limiti għar-riskji ta' diżgrazzja, f'konformità mal-punt 1.3, il-punt (b) tal-Anness I, għax-xenarji tar-

riskju msemmija;	riskju msemmija***, u tistabbilixxi mekkaniżmi għal notifika minn qabel u skambju ta' informazzjoni f'ħin reali, proċeduri ta' emerġenza fil-każ ta' anomalija jew inċident u miżuri ta' rispons xierqa***;

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Bħal fil-każ tal-attivitajiet spazjali kollha, huma meħtieġa dispożizzjonijiet biex jiġu ġestiti r-riskji għan-nies, għall-proprjetà u għall-ambjent, inkluż billi jiġu stabbiliti żoni ta' sikurezza.

Emenda 2454
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tistabbilixxi l-limiti għar-riskji ta' diżgrazzja, f'konformità mal-punt 1.3, il-punt (b) tal-Anness I***, għax-xenarji tar-riskju msemmija***;	(c) tistabbilixxi l-limiti għar-riskji ta' diżgrazzja, f'konformità mal-punt 1.3, il-punt (b) tal-Anness I;

Or. en

Emenda 2455
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) tistabbilixxi l-limiti għar-riskji ta' diżgrazzja, f'konformità mal-punt 1.3, il-punt (b) tal-Anness I***, għax-xenarji tar-riskju msemmija***;	(c) tistabbilixxi l-limiti għar-riskji ta' diżgrazzja, f'konformità mal-punt 1.3, il-punt (b) tal-Anness I;

Or. en

Emenda 2456
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tal-koordinazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku biex jivvalutaw l-impatt tal-operazzjonijiet tal-illanċjar fuq servizzi oħra tat-traffiku tal-ajru waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid u biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tfixkil.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2457
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tal-koordinazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar tal-Unjoni, il-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku biex jivvalutaw l-impatt tal-operazzjonijiet tal-illanċjar fuq servizzi oħra tat-traffiku tal-ajru waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid u biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tfixkil.	***imħassar***

Or. en

Emenda 2458
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tal-koordinazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar ***tal-Unjoni***, il-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku biex jivvalutaw l-impatt tal-operazzjonijiet tal-illanċjar fuq servizzi oħra tat-traffiku tal-ajru waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid u biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tfixkil.	(d) tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi tal-koordinazzjoni bejn l-operatur tal-illanċjar ***attivi fl-Unjoni***, il-fornitur tas-servizzi spazjali tal-evitar tal-kolliżjonijiet, l-awtoritajiet kompetenti u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku biex jivvalutaw l-impatt tal-operazzjonijiet tal-illanċjar fuq servizzi oħra tat-traffiku tal-ajru waqt il-fażijiet tal-illanċjar u tad-dħul mill-ġdid u biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tfixkil.

Or. fr

Emenda 2459
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)
Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) Il-metodi stabbiliti skont dan il-paragrafu ma jistgħux jinkludu rekwiżiti tal-ekodisinn jew tad-disinn ambjentali għal-lanċjatur.

Or. en

Emenda 2460
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).	***L-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-punt (c), għandu jistabbilixxi allokazzjonijiet kwantitattivi speċifiċi għal riskju partikolari ta' ħsara katastrofika, b'mod partikolari għall-każijiet speċifiċi ta' rotot tal-baħar u tal-ajru.*** Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).

Or. en

Emenda 2461
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2).	Dawn l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 114(2)***, jiżguraw konsultazzjoni adegwata mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, u jqisu l-linji gwida, l-aħjar prattiki u l-istandards internazzjonali eżistenti***.

Or. en

Emenda 2462
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa

li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 113 biex temenda l-Anness I sabiex taġġorna r-rekwiżiti tekniċi applikabbli għas-sikurezza tal-illanċjar, inklużi rekwiżiti relatati mal-metodi ta' valutazzjoni tal-evitar tal-kolliżjonijiet, il-metodi ta' kalkolu tar-riskju ta' diżgrazzja u r-rekwiżiti ta' koordinazzjoni, filwaqt li tqis il-progress tekniku u l-istandards u l-linji gwida rikonoxxuti internazzjonalment.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-setgħa tal-atti delegati għall-emendar tal-Anness I (rekwiżiti ta' sikurezza tal-illanċjar) tiżgura li l-linja bażi tas-sikurezza tkun tista' tiġi aġġornata biex tirrifletti l-progress tekniku fis-sorveljanza parlamentari permezz tal-mekkaniżmu tal-att delegat. Dan huwa l-istrument standard għall-parametri essenzjali tas-sikurezza fil-leġiżlazzjoni tal-UE.

Emenda 2463
Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 59 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Meta jimplimentaw miżuri ta' sikurezza u koordinazzjoni, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni u l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu l-ispeċifiċitajiet ġeografiċi, inkluż id-densità tal-popolazzjoni u l-infrastruttura spazjali eżistenti. Mudelli tar-riskju proporzjonati jistgħu jiġu applikati f'reġjuni b'densità tal-popolazzjoni baxxa u attivitajiet ta' llanċjar stabbiliti.

Or. en

Emenda 2464

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. ***Il-vetturi tal-illanċjar għandhom jinkorporaw apparat tat-traċċar jew jistabbilixxu mezzi tat-traċċar biex ikunu jistgħu jipprovdu monitoraġġ fil-ħin reali tal-pożizzjoni*** u ***tal-veloċità*** tal-vettura tal-illanċjar.	1. ***Biex jivvalutaw ir-riskju ta' kolliżjoni u jipprovdu l-pożizzjoni*** u ***l-veloċità*** tal-vettura tal-illanċjar***, l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom jipprovdu data bbażata fuq valutazzjoni tar-riskju ta' kolliżjoni qabel il-illanċjar***.

Or. en

Emenda 2465
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. ***Il-vetturi*** tal-illanċjar għandhom ***ikunu jinkorporaw imqar sistema tat-trażmissjoni tad-data tat-telemetrija għall-monitoraġġ tad-data*** dwar il-prestazzjoni tal-vettura tal-illanċjar, ħlief meta l-analiżi ta' qabel it-titjir tistabbilixxi li t-titjira tal-vettura tal-illanċjar mhix se tikkaġuna żona ta' impatt mhux magħrufa u perikoluża ta' dispersjoni.	2. ***L-operaturi*** tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom ***jimmonitorjaw id-data*** dwar il-prestazzjoni tal-vettura tal-illanċjar, ħlief meta l-analiżi ta' qabel it-titjir tistabbilixxi li t-titjira tal-vettura tal-illanċjar mhix se tikkaġuna żona ta' impatt mhux magħrufa u perikoluża ta' dispersjoni.

Or. en

Emenda 2466
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-vetturi tal-illanċjar għandhom ikunu jinkorporaw imqar sistema tat-trażmissjoni tad-data ***tat-telemetrija*** għall-monitoraġġ tad-data dwar il-prestazzjoni tal-vettura tal-illanċjar, ħlief meta l-analiżi ta' qabel it-titjir tistabbilixxi li t-titjira tal-vettura tal-illanċjar mhix se tikkaġuna żona ta' impatt mhux magħrufa u perikoluża ta' dispersjoni.	2. Il-vetturi tal-illanċjar għandhom ikunu jinkorporaw imqar sistema tat-trażmissjoni tad-data għall-monitoraġġ tad-data dwar il-prestazzjoni tal-vettura tal-illanċjar, ħlief meta l-analiżi ta' qabel it-titjir tistabbilixxi li t-titjira tal-vettura tal-illanċjar mhix se tikkaġuna żona ta' impatt mhux magħrufa u perikoluża ta' dispersjoni.

Or. en

Emenda 2467
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jidentifikaw xenarji ta' riskju potenzjali ***u*** jimplimentaw miżuri tal-mitigazzjoni, f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness I.	3. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jidentifikaw xenarji ta' riskju potenzjali***, anomaliji jew inċidenti possibbli u l-mod tal-iskambju ta' informazzjoni f'ħin reali, sabiex*** jimplimentaw miżuri tal-mitigazzjoni, f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness I.

Or. ro

Ġustifikazzjoni

Bħal fil-każ tal-attivitajiet spazjali kollha, huma meħtieġa dispożizzjonijiet biex jiġu ġestiti r-riskji għan-nies, għall-proprjetà u għall-ambjent, inkluż billi jiġu stabbiliti żoni ta' sikurezza.

Emenda 2468
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jidentifikaw xenarji ta' riskju potenzjali u jimplimentaw miżuri tal-mitigazzjoni, f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness I.	3. L-operaturi tal-illanċjar ***attivi fl-Unjoni*** għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jidentifikaw xenarji ta' riskju potenzjali u jimplimentaw miżuri tal-mitigazzjoni, f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness I.

Or. fr

Emenda 2469
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jidentifikaw xenarji ta' riskju potenzjali ***u jimplimentaw miżuri tal-mitigazzjoni***, f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness I.	3. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jidentifikaw xenarji ta' riskju potenzjali, f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 2470
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jidentifikaw xenarji ta' riskju potenzjali ***u jimplimentaw miżuri tal-mitigazzjoni***, f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness I.	3. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jidentifikaw xenarji ta' riskju potenzjali, f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 2471
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jidentifikaw xenarji ta' riskju potenzjali u jimplimentaw miżuri tal-mitigazzjoni, f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness I.	3. L-operaturi tal-illanċjar għandhom iwettqu valutazzjoni tar-riskju biex jidentifikaw xenarji ta' riskju potenzjali u jimplimentaw miżuri tal-mitigazzjoni, f'konformità mal-punt 2.1 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 2472
András Gyürk, Julie Rechagneux, Mélanie Disdier, Jorge Martín Frías, András László, Aleksandar Nikolic, Pascale Piera, Barbara Bonte

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 4
Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom ***iżidu*** sistema abbord għan-newtralizzazzjoni tal-lanċjatur, f'konformità mal-punt 2.2 tal-Anness I.	4. ***Wara l-valutazzjoni tar-riskju,*** l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom ***jimplimentaw miżuri ta' mitigazzjoni, inkluż, fejn meħtieġ, iż-żieda ta'*** sistema abbord għan-newtralizzazzjoni tal-lanċjatur, f'konformità mal-punt 2.2 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 2473

Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom ***iżidu*** sistema abbord għan-newtralizzazzjoni ***tal-lanċjatur***, f'konformità mal-punt 2.2 tal-Anness I.	4. ***Wara l-valutazzjoni tar-riskju,*** l-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom ***jimplimentaw miżuri ta' mitigazzjoni, inkluż fejn meħtieġ, iż-żieda ta'*** sistema abbord għan-newtralizzazzjoni, f'konformità mal-punt 2.2 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 2474
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom ***iżidu*** sistema abbord għan-newtralizzazzjoni tal-lanċjatur, f'konformità mal-punt 2.2 tal-Anness I.	4. L-operaturi tal-illanċjar tal-Unjoni għandhom ***jimplimentaw miżuri ta' mitigazzjoni, inkluż billi jżidu*** sistema abbord għan-newtralizzazzjoni tal-lanċjatur, f'konformità mal-punt 2.2 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 2475
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 60 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. L-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni għandhom iżidu*** sistema abbord għan-	4. L-operaturi tal-illanċjar ***għandu jkollhom*** sistema abbord għan-

newtralizzazzjoni tal-lanċjatur, f'konformità mal-punt 2.2 tal-Anness I.	newtralizzazzjoni tal-lanċjatur, f'konformità mal-punt 2.2 tal-Anness I.

Or. en

Emenda 2476
Angelika Niebler, Christian Ehler, Jens Gieseke, Aura Salla, Inese Vaidere, Wouter Beke, Pilar del Castillo Vera, Jan Farský, Marion Walsmann, Oliver Schenk, Susana Solís Pérez, Massimiliano Salini, François-Xavier Bellamy

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mitigazzjoni tar-residwi spazjali ***għal-lanċjaturi***	Mitigazzjoni tar-residwi spazjali ***għall-vetturi tal-illanċjar***

Or. en

Emenda 2477
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi bl-implimentazzjoni tal-miżuri li ġejjin:	1. L-operaturi tal-illanċjar għandhom***, sa fejn ikun possibbli, jipprevjenu u*** jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi bl-implimentazzjoni tal-miżuri li ġejjin:

Or. en

Emenda 2478
Marina Mesure

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

1. L-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi bl-implimentazzjoni tal-miżuri li ġejjin:	1. L-operaturi tal-illanċjar ***attivi fl-Unjoni*** għandhom jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi bl-implimentazzjoni tal-miżuri li ġejjin:

Or. fr

Emenda 2479
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-operaturi tal-illanċjar ***tal-Unjoni*** għandhom jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi bl-implimentazzjoni tal-miżuri li ġejjin:	1. L-operaturi tal-illanċjar għandhom jillimitaw il-ġenerazzjoni tar-residwi bl-implimentazzjoni tal-miżuri li ġejjin:

Or. en

Emenda 2480
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jillimitaw ir-rilaxx tar-residwi ppjanat lejn id-Dinja, waqt operazzjonijiet nominali, bil-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti fil-punt 1.1 tal-Anness II;	(a) ***jipprevjenu u*** jillimitaw***, sa fejn ikun possibbli,*** ir-rilaxx tar-residwi ppjanat lejn id-Dinja, waqt operazzjonijiet nominali, bil-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti fil-punt 1.1 tal-Anness II;

Or. en

Emenda 2481
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jillimitaw ir-rilaxx tar-residwi ppjanat lejn id-Dinja, waqt operazzjonijiet nominali, bil-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti fil-punt 1.1 tal-Anness II;	(a) ***Jipprevjenu u*** jillimitaw ir-rilaxx tar-residwi ppjanat lejn id-dinja, waqt operazzjonijiet nominali, bil-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti fil-punt 1.1 tal-Anness II;

Or. en

Emenda 2482
Christophe Grudler, Morten Løkkegaard, Anna Stürgkh, Martin Hojsík, Sigrid Friis

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) għall-illanċjar li juża inġenju spazjali wieħed, l-għadd totali ta' stadji orbitali tal-vettura tal-illanċjar u ta' oġġetti tar-residwi li jirriżultaw imqiegħda fl-orbita u li ma jintremewx minnufih ma għandux ikun aktar minn wieħed;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-limitu massimu tal-għadd ta' stadji orbitali tal-vettura tal-illanċjar u ta' oġġetti tar-residwi mqiegħda fl-orbita għal kull missjoni ta' llanċjar uniku jindirizza sors speċifiku ta' ġenerazzjoni tar-residwi li t-test tal-Kummissjoni ma jkoprix. Kull illanċjar li jqiegħed oġġetti multipli ta' residwi mingħajr restrizzjonijiet iżid direttament il-konġestjoni orbitali; il-limitu massimu huwa miżura ta' mitigazzjoni proporzjonata u għal kull illanċjar.

Emenda 2483
Giorgio Gori, Sofie Eriksson

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1– punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jipproteġu kontra frammentazzjoni aċċidentali, bil-miżuri ta' implimentazzjoni	(b) ***jipprevjeni u*** jipproteġu***, sa fejn ikun possibbli,*** kontra frammentazzjoni

stabbiliti fil-punt 1.2 tal-Anness II u fil-punt 1.3 tal-Anness II;	aċċidentali, bil-miżuri ta' implimentazzjoni stabbiliti fil-punt 1.2 tal-Anness II u fil-punt 1.3 tal-Anness II;

Or. en

Emenda 2484
Sergey Lagodinsky

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) iwettqu disponiment fi tmiem il-ħajja, f'konformità mal-punt 2 tal-Anness II.	(c) iwettqu disponiment fi tmiem il-ħajja***, inkluż id-dħul mill-ġdid ta' lanċjaturi meta dan ikun sikur u teknikament fattibbli***, f'konformità mal-punt 2 tal-Anness II.

Or. en

Emenda 2485
Diana Iovanovici Şoşoacă

Proposta għal regolament
Artikolu 61 – paragrafu 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ca) jistabbilixxu miżuri ċari u obbligatorji ta' eliminazzjoni fi tmiem il-ħajja, bħat-trasferiment ta' satelliti minn Orbita Dinjija Baxxa (LEO) għal Orbiti tar-Rimi, fi żmien limitat (normalment 25 sena jew inqas).

Or. ro

Ġustifikazzjoni

L-iżvilupp tas-settur spazjali u l-illanċjar ta' għadd dejjem jikber ta' satelliti jirrikjedu miżuri effettivi għad-disponiment ta' dawn l-oġġetti spazjali msemmija fit-tmiem tal-ħajja operazzjonali tagħhom.